Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B IR-REGOLAMENT (KE) Nru 1592/2002 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Lulju 2002

dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(OJ L 240, 7.9.2002, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1701/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003	L 243	5	27.9.2003
►M2	Ir-Regolament (KE) Nru 1643/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003	L 245	7	29.9.2003

▼B

IR-REGOLAMENT (KE) Nru 1592/2002 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Lulju 2002

dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Protezzjoni ta' livell għoli u uniformi taċ-ċittadin Ewropew għandha tiġi assigurata f'kull ħin fl-avjazzjoni ċivili, permezz ta' l-adozzjoni ta' regoli komuni ta' sigurtà u ta' miżuri li jiżguraw illi l-prodotti, l-persuni u l-organizzazzjonijiet fil-Komunità jikkonformaw ma' dawn ir-regoli u dawk adottati sabiex jipproteġu l-ambjent. Dan kollu jikkontribwixxi għall-faċilitazzjoni taċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti, persuni u organizzazzjonijiet fis-suq intern.

(2) Bħala konsegwenza, prodotti aeronawtiċi għandhom ikunu soġġetti għaċ-ċertifikazzjoni sabiex jiġi vverifikat li jissodisfaw il-ħtiġiet essenzjali biex ikunu tajbin għall-ajru u l-protezzjoni ambjentali li jirrelataw għall-avjazzjoni ċivili. Għandhom jiġu żviluppati ħtiġiet essenzjali approprjati fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex jiġu koperti operazzjonjiet ta' inġenji ta' l-ajru u liċensjar ta' l-ekwipaġġ ta' l-ajru u l-applikazzjoni tar-Regolmaent għal inġenji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi kif ukoll, wara, oqsma oħra gfil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili.

(3) Sabiex dejjem ikun hemm tweġiba għall-interessi dejjem jiżdiedu tas-saħħa u l-benessri ta' passiġġieri matul it-titjiriet, huwa neċessarju illi jiġu żviluppati disinni ta' inġenji ta' l-ajru li jipproteġu aħjar is-sigurtà u s-saħħa tal-passiġġieri.

(4) Għandu jkun hemm azzjoni bħala kwistjoni ta' urġenza fuq riżultati ta' investigazzjonijiet ta' inċidenti ta' l-ajru, b'mod partikolari, meta jirrelataw għal disinni difettużi ta' inġenji ta' l-ajru difettużi u/jew materji operazzjonali, sabiex tiġi assigurata kunfidenza tal-konsumatur fit-trasport bl-ajru.

(5) Il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, iffirmata f' *Chicago* fis-7 ta' Diċembru 1944 ("Konvenzjoni ta' *Chicago*"), li għaliha l-Istati Membri kollha huma partijiet, diġà tipprovdi

([1]) ĠU C 154 E, tad-29.5.2001, p. 1.
([2]) ĠU C 221, tas-7.8.2001, p. 38.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Settembru 2001 (ĠU C 72 E, 21.3.2002, p. 146), Pożizzjoni Komuni ta-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2001 (ĠU C 58 E, 5.3.2002, p. 44) u Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' April 2002 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2002.

▼B

għal *standards* minimi illi jassiguraw is-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili u l-protezzjoni ambjentali li tirrelata għalihom. Ħtiġiet essenzjali Komunitarji u regoli adottati għall-implimentazzjoni tagħhom għandhom jassiguraw illi l-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi maħluqa mill-Konvenzjoi ta' *Chicago*, inklużi dawk vis-a-vis pajjiżi terzi.

(6) Prodotti aeronawtiċi, partijiet u apparat għandhom jiġu ċċertifikati ladarba jinsabu in konformità mal-ħtiġiet essenzjali biex ikunu tajbin għall-ajru u ta' protezzjoni ambjentali stabbiliti mill-Komunità skond l-*istandards* stabbiliti mill-Konvenzjoni ta' *Chicago*. Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tiżviluppa r-regoli neċessarji ta' implimentazzjoni.

(7) Sabiex jintlaħħqu l-għanijiet Komunitarji fir-rigward taċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti, persuni u servizzi, kif ukoll dawk tal-politika komuni ta' transport, Stati Membri għandhom, mingħajr ħtiġiet jew evalwazzjoni ulterjuri, jaċċettaw prodotti, partijiet u tagħmir, organizzazzjonijiet jew persuni ċertifikati skond dan ir-Regolament u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu.

(8) Għandha tiġi pprovduta flessibbiltà biżżejjed sabiex jiġu indirizzati ċirkostanzi speċjali bħala miżuri urġenti ta' sigurtà, bżonnijiet u disposizzjonijiet operazzjonali mhux previsti jew limitati għandhom ukoll isiru biex jintlaħaq livell ekwivalenti ta' sigurtà permezz ta' mezzi oħra. Stati Membri għandhom ikunu intitolati għal eżenzjonijiet mill-ħtiġiet ta' dan ir-Regolament u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu sakemm huma strettament limitati fil-qasam ta' applikazzjoni u soġġetti għal kontroll Komunitarju approprjat.

(9) L-Objettivi ta' dan ir-Regolament jistgħu jintlaħqu b'mod effiċjenti permezz ta kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. F'dan il-każ, id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regoalment u r-regoli ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adatatti permezz ta' ftehim konkluż bejn il-Komunità u dawn il-pajjiżi. Fin-nuqqas ta' dan il-ftehim, Stati Membri għandhom madanakollu jitħallew, soġġett għall-kontroll approprjat tal-Komunità, illi jirikonoxxu l-approvazzjonijiet mogħtija lil prodotti barranin, partijiet u tagħmir, organizzazzjonijiet u personal minn pajjiż terz.

(10) Huwa neċessarju illi jiġu stabbiliti miżuri approprjati biex jassiguraw kemm il-protezzjoni neċessarja ta' *data* sensittiva ta' sigurtà u li jipprovdu lill-pubbliku b'informazzjoni adegwata li tappartjeni g]all-livell ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili u l-protezzjoni ambjentali li għandha x'taqsam, b' kont meħud tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kumissjoni ([1]) u l-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti.

(11) Hemm bżonn ta' arranġamenti aħjar fl-oqsma kollha koperti b' dan ir-Regolament, sabiex ċerti kompiti li bħalissa jsiru fuq livell Komunitarju jew nazzjonali jibdew isiru minn korp espert wieħed ta' speċjalizzazzjoni. Għaldaqstant, hemm il-bżonn fl-istruttura istituzzjonali u l-bilanċ tal-poteri li jeżistu fil-Komunità li tiġi stabbilita Aġenzija Ewropea ta' Sigurtà ta' l-Avjazzjoni, li hija indipendenti fir-rigward ta' materji tekniċi u għandha awtonomija legali, amministrattiva u finanzjarja. Għal dak l-iskop, huwa neċessarju u approprjat li għandu jkun korp Komunitarju li għandu personalità ġuridika u li jeżerċità l-poteri ta' implimentazzjoni li jingħataw lilu skond dan ir-Regolament.

(12) Sabiex tassisti kif xieraq lill-Komunità l-Aġenzija għandha tkun permessa illi tiżviluppa l-esperjenza tagħha fl-aspetti kollha tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili u l-protezzjoni ambjentali, koperti b' dan ir-Regolament. Għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-prepraz-

([1]) ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 43.

▼B

zjoni tal-leġislazzjoni neċessarja u tassisti lill-Istati Membri u l-industrija fl-implimentazzjoni tagħha. Għandha tkun kapaċi illi toħroġ speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u materjal ta' gwida u li tagħmel sejbiet tekniċi u toħroġ ċertifikati kif meħtieġ u għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu u għandha tingħata l-awtorità neċessarja sabiex jiġu sodisfatti l-kompiti tagħha.

(13) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ikunu rappreżentati fil-Bord Amministrattiv sabiex jikkontrollaw effettivament il-funzjonijiet ta' l-Aġenzija. Dan il-Bord għandu jkun fdat bil-poteri neċessarji sabiex jistabbilixxi l-*budget*, jivverifika l-ezekuzzjoni tiegħu, jadotta r-regoli finanzjarji appropjati, jistabbilixxi proċeduri trasparenti ta' ħidma sabiex jittieħdu deċiżjonijiet mill-Aġenzija u jaħtar id-Direttur Eżekuttiv. Huwa wkoll appropjat illi l-Aġenzija jkollha l-permess tagħmel riċerka u torganizza koordinazzjoni approprjata mal-Kummissjoni u l-Istati Membri. Huwa mixtieq illi l-Aġenzija tassisti lill-Komunità u l-Istati Membri tagħha fil-kamp tar-relazzjonijiet internazzjonali, inkluża l-armonizzazzjoni tar-regoli, ir-rikonoxximent ta' approvazzjonijiet u kooperazzjoni teknika, u għandha tkun intitolata illi tistabbilixxi r-relazzjonijiet appropjati ma' l-awtoritajiet aeronawtiċi ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-materji koperti minn dan ir-Regolament.

(14) L-interess pubbliku jitlob illi l-Aġenzija tibbaża l-azzjoni tagħha relatata ma' sigurtà fuq esperti indipendenti, li japplikaw strettament dan ir-Regolament u r-regoli adottati mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tagħha. Għal dan l-iskop, id-deċiżjonijiet kollha ta' l-Aġenzija relatati mas-sigurtà għandhom jittieħdu mid-Direttur Eżekuttiv, li għandu jitħalla bi grad għoli ta' flessibilità sabiex jiġu ottenuti konsultazzjonijiet u sabiex jiġi organizzat il-funzjonament intern ta' l-Aġenzija. Meta, madanakollu, l-Aġenzija jkollha tiżviluppa regoli ta' natura ġenerali li għandhom jiġu implimentati mill-awtoritajiet nazzjonali, l-Istati Membri għandhom ikunu involuti fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet.

(15) Huwa neċessarju illi jiġi żgurat illi il-partijiet li jeffetwaw id-deċiżjonijietli jsiru mill-Aġenzija jgwadu r-rimedji neċessarji f'manjiera li hija addattata għall-karattru speċjali għall-qasam ta' l-avjazzjoni. Mekkaniżmu ta' appell approprjat għandu jiġi stabbilit sabiex id-Deċiżjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv jistgħu jkunu suġġetti għal appell lil Bord ta' Appell speċjalizzat, u li min-naħa l-oħra d-deċiżjonijiet tiegħu huma soġġetti għal azzjoni miftuħa quddiem Il-Qorti tal-Ġustizzja.

(16) Sabiex tkun garantita l-awtonomija sħiħa u l-indipendenza ta' l-Aġenzija, għandha tingħata *budget* awtonomu li d-dħul tiegħu jkun ġej essenzjalment minn kontribuzzjoni tal-Komunità u mit-tariffi li jitħallsu minn utenti tas-sistema. Il-proċedura Komunitarja tal-*budget* għandha tkun applikabbli sakemm il-kontribuzzjoni Komunitarja u kull sussidju ieħor li għandu jitħallas mill-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea huma kkunsidrati. Il-verifika tal-kontijiet għandha ssir mill-Qorti ta' l-Awdituri.

(17) IL-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

(18) Ladarba l-objettivi ta' l-azzjoni proposta, l-aktar l-istabbiliment u l-applikazzjoni uniformi ta' regoli komuni fil-kamp tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili u l-protezzjoni ambjentali, ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri u għandhom għaldaqstant,

([1]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼B

permezz tal-qasam ta' applikazzjoni Ewropew ta' dan ir-Regolament, jintlaħqu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċesarju sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi.

(19) Qabel ma xi uffiċċji lokali ta' l-Aġenzija jiġu stabbiliti, għandhom jiġu stabbiliti regoli ġenerali sabiex jikkjarifikaw liema ħtiġiet għandhom jintlaħqu u liema kontribuzzjoni għandu jipprovdi l-Istat Membru kkonċernat.

(20) Ġie rikonoxxut illi l-involviment tal-pajjiżi Ewropej li mhumiex Membri ta' l-Unjoni Ewropea għandu jiġi segwit, sabiex tiġi assigurata dimensjoni Ewropea sħiħa sabiex jiġi ffaċilitat it-titjib tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa kollha. Pajjiżi Ewropej li kkonkludew ftehim mal-Komunità sabiex jadottaw u japplikaw l-*acquis* Komunitarju fil-qasam kopert minn dan ir-Regolament għandhom jiġu assoċjati max-xogħol tagħha skond il-kondizzjonijiet li għandhom ikunu miftiehma fil-qafas ta' dan il-ftehim.

(21) Hija mira ġenerali illi t-trasferiment tal-funzjonijiet u l-kompiti mill-Istati Membri, inklużi dawk li jirriżultaw mill-kooperazzjoni tagħhom permezz ta' l-Awtoritajiet konġunti ta' l-Avjazzjoni, lill-Aġenzija għandhom jsiru b'mod effiċjenti, mingħajr tnaqqis fil-livelli għolja kurrenti ta' sigurtà u mingħajr ebda impatt negattiv fuq skedi ta' ċertifikazzjoni. Miżuri approprjati għandhom jiġu adottati sabiex jipprovdu għat-transizzjoni neċessarja.

(22) Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas approprjat u komprensiv għaċ-ċertifikazzjoni ambjentali tal-prodotti aeronawtiċi kif ukoll għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' kulhadd hekk a' ħtiġiet tekniċi komuni u proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili. Id-Direttiva tal-Kunsill 80/51/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1979 dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' storbju minn inġenji ta' l-ajru subsoniċi [1] u l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizazzjoni tal-ħtiġiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili [2] għandhom jitħassru fiż-żmien opportun, mingħajr preġudizzju għaċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti, persuni u organizzazzjonijiet li diġà saru skond dawn l-atti leġislattivi.

(23) Dan ir-Regolament japplika għal kull qasam ieħor relatat mas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili a bażi ta' proposta futura skond it-Trattat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

IL-PRINĊIPJI

Artikolu 1

Il-kamp ta' l-applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal:

(a) disinn, produzzjoni, manutenzjoni u operazzjoni ta' prodotti, partijiet u tagħmir aeronawtiku, kif ukoll għal personal u organizzazzjonijiet

[1] ĠU L tat-18, 24.1.1980, p. 26. Id-Direttiva hekk kif l-aħħar emendat permezz tad-Direttiva 83/206/KEE (ĠU L 117, 4.5.1983, p. 15).

[2] ĠU L 373, tal-31.12.1991, p. 4. Regolament hekk kif l-aħħar emendat permezz ta' Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 28712000 (ĠU L 333, 29.12.2000, p. 47).

▼B

involuti fid-disinn, il-produzzjoni, u l-manutenzjoni ta' dawn il-prodotti, partijiet u tagħmir;

(b) personal u organizzazzjonijiet involuti fl-operazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika meta prodotti, partijiet, tagħmir, personal u organizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 huma ingaġġati f'servizzi militari, doganali, tal-pulizija jew servizzi simili. L-Istati Membri għandom jimpenjaw ruhom li jassiguraw illi dawn is-servizzi jikkunsidraw kemm jista' jkun pratikabbli l-miri ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-Miri

1. Il-Mira prinċipali ta' dan ir-Regolament huwa illi jiġi stabbilit u jinżamm livell uniformi għoli ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa.

2. Miri addizzjonali huma, fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament, kif ġej:

(a) li jiġi assigurat jiżgura livell għoli unformi ta' protezzjoni ambjentali;

(b) li jiġi ffaċilitat moviment liberu ta' prodotti, persuni u servizzi;

(ċ) li jkun hemm promozzjoni ta' *cost efficiency* fil-proċessi regolatorji u ta' ċertifikazzjoni sabiex tiġi evitat duplikazzjoni fuq livell nazzjonali u Ewropew;

(d) li l-Istati Membri jiġu assistiti fit-twettieq ta' l-obbligi tagħhom skond il-Konvenzjoni ta' *Chicago*, billi tiġi pprovduta bażi għal interpretazzjoni komuni u implimentazzjoni komuni tad-disposizzjonijiet tagħha, u billi jiġi assigurat li d-disposizzjonijiet tagħha jiġu kkunsidrati kif dovut f'dan ir-Regolament u fir-regoli mfassla għall-impliemntazzjoni tiegħu;

(e) li jiġu promossi opinjonijiet Komunitarji li jirrigwardaw l-*istandards* u r-regoli tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili mad-dinja billi tiġi stabbilita kooperazzjoni approprjata ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali

3. Il-mezzi biex jiġu sodisfatti l-miri stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jkunu:

(a) il-preparazzjoni, l-adozzjoni u l-applikazzjoni uniformi ta' l-atti kollha neċessarji;

(b) ir-rikonoxximent, mingħajr ħtiġiet addizzjonali, ta' ċertifikati, liċenzji, approvazzjonijiet u dokumenti oħra mogħtija lil prodotti, impjegati u organizzazzjonijiet skond dan ir-Regolament u r-regoli ta' implientazzjoni tiegħu;

(ċ) l-istabbiliment ta' Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni;

(d) l-implimentazzjoni uniformi ta' l-atti kollha neċessarji mill-awtoritajiet nazzjonali ta' l-avjazzjoni u l-Aġenzija fl-oqsma rispettivi tagħhom ta' responsabbiltà.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament:

(a) "*oversight* kontinwa" jfisser li l-kompiti li għandhom isiru sabiex jiġi vverifikat li l-kondizzjonijiet li taħthom inħareġ ċertifikat

▼B

jibqgħu jiġu sodisfatti fi kwalunkwe ħin tul il-perjodu ta' validità tiegħu, kif ukoll it-teħid ta' kwalunkwe miżura ta' sigurtà;

(b) "il-Konvenzjoni ta"*Chicago'* tfisser il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u l-Annessi tagħha, iffirmata f'Chicago fis- 7 ta' Diċembru 1944;

(ċ) "prodott" għandu jfisser inġenju ta' l-ajru, inġenju jew skrun;

(d) "partijiet u tagħmir" għandha tfisser kull strument, tagħmir, mekkaniżmu, parti, apparat, dritt jew aċċessorju, inkluż tagħmir ta' komunikazzjoni, li huwa użat jew intiż biex jiġi użat fit-tħaddim jew il-kontroll ta' inġenju ta' l-ajru waqt titjira u huwa installat ġewwa jew mehmuż ma' l-inġenju ta' l-ajru. Jinkludi partijiet ta' l-qafas ta' l-inġenju ta' l-ajru, ta' l-inġenju jew ta' l-iskrun;

(e) "certifikazzjoni" tfisser kull forma ta' rikonoxximent illi l-prodott, parti jew tagħmir, organizzazzjoni jew persuni jikkonformaw mal-ħtiġiet applikabbli inklużi d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll il-ħruġ ta' ċertifikat rilevanti li jattesta din il-konformità;

(f) "entità kkwalifikata" tfisser korp li jista' jikkonduċi kompiti ta' ċertifikazzjoni taħt il-kontroll u r-responsabbilità ta' l-Aġenzija;

(g) "ċertifkat" jfisser kull approvazzjoni, liċenzja jew dokument ieħor maħruġ bħala riżultat taċ-ċertifikazzjoni.

KAPITOLU II

ĦTIĠIET SOSTANTIVI

Artikolu 4

Prinċipji bażiċi u applikabilità

1. Inġenji ta' l-ajru, inkluż kull prodott, parti jew tagħmir installat, li huma:

(a) ddisinjati jew iffabbrikati minn organizzazzjoni li għaliha Aġenzija jew Stat Membru jassigura *oversight* ta' sigurtà ; jew

(b) reġistrati fi Stat Membru; jew

(ċ) reġistrati f'pajjiż terz u wżati minn operator li għalih kwalunkwe Stat Membru jiżgura *oversight* ta' operazzjonijiet;

Għandhom jikkonformaw ma' dan ir-Regolament sakemm l-*oversight* regolatorju ta' sigurtà ma jkunx ġie delegat lil pajjiż terz u sakemm ma jintużawx minn operatur Komunitarju.

2. Il-Paragrafu 1 m'għandhux japplika għal inġenji ta' l-ajru msemmija fl-Anness II.

3. Dan ir-Regolament m'għandux jeffettwa d-drittijiet ta' pajjiżi terzi hekk kif speċifikat fil-konvenzjonijiet Internazzjonali, b'mod partikolari il-Konvenzjoni ta' *Chicago*.

Artikolu 5

L-Airworthiness

1. L-Inġenji ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1) għandhom jikkonformaw mal-ħtiġiet essenzjali għall-*Airworthiness* stabbiliti fl-Anness I.

2. Il-Konformità ta' inġenji ta' l-ajru reġistrati fi Stat Membru, u talprodotti, l-partijiet u t-tagħmir armat fuqhom għandhom jiġu stabbiliti skond dan li ġej:

▼B

(a) Il-Prodotti għandu jkollhom ċertifikat tat-tip. Iċ-ċertifkat tat-tip, u ċ-ċertifikazzjoni tal-bidliet għal dak iċ-ċertifikat tat-tip, inklużi ċertifikati tat-tip supplimentali, għandhom jinħarġu meta l-applikant ikun wera li l-prodott jikkonforma mal-bażi taċ-ċertifikat tat-tip kif speċifikat fl-Artikolu 15, stabbilit sabiex tiġi assigurata konformità mal-ħtiġijiet essenzjali msemmija fil-paragrafu 1, u meta ma jkollu l-ebda fattur jew karatteristika li jagħmluh mhux sigur għall-operazzjoni. Iċ-ċertifikat tat-tip għandu jkopri l-prodott, inklużi l-partijiet u t-tagħmir kollu armat fuqu.

(b) Partijiet u tagħmir jistgħu jinħarġu b'ċertifikati speċifiċi meta jidhru li jikkonformaw ma' speċifikazzjonijiet dettaljati ta' *Airworthiness* stabbiliti sabiex jassiguraw konformità mal-ħtiġiet essenzjali msemmija fil-paragrafu 1.

(ċ) Kull inġenju ta' l-ajru għandu jkollu ċertifikat individwali ta' *Airworthiness* meta jidher li jikkonforma mad-disinn tat-tip approvat fiċ-ċertifkat tat-tip tiegħu u li d-dokumentazzjoni, l-ispezzjonijiet u t-testijiet rilevanti juru illi l-inġenju ta' l-ajru huwa f'kondizzjoni għal operazzjoni sigura. Dan iċ-ċertifikat ta' *Airworthiness* għandu jibqa' validu sakemm ma jiġix sospiż, revokat jew terminat u sakemm l-inġenju ta' l-ajru jinżamm skond il-ħtiġiet essenzjali relatati mal-*Airworthiness* kontinwa stabbilita fil-punt I.d ta' l-Anness I u r-regoli ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.

(d) Organizzazzjonijiet responsabbli mid-disinn, mill-fabbrikazzjoni u mill-manutenzjoni ta' prodotti, partijiet u tagħmir għandhom juru il-kapaċità tagħhom u l-mezzi sabiex jiġu skarikati r-responsabbiltajiet assoċjati mal-privileġġi tagħhom. Sakemm mhux aċċettat xort' oħra dawn il-kapaċitajiet u l-mezzi għandhom jiġu rikonuxxuti permezz tal-ħruġ ta' approvazzjoni ta' organizzazzjoni. Il-privileġġi mogħtija lill-organizzazzjoni approvata u l-iskop ta' l-approvazzjoni għandhom jiġu speċifikati fit-termini ta' l-approvazzjoni.

Barra minn hekk:

(e) impjegati responsabbli mill-ħruġ ta' prodotti, parti jew tagħmir wara l-manutenzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jżommu ċ-ċertifikat approprjat ("ċertifikat ta' l-impjegati");

(f) il-kapaċità ta' organizzazzjonijiet għat-taħriġ ta' manutenzjoni li jwettqu r-responsabbilitajiet assoċjati mal-privileġġi tagħhom f' relazzjoni mal-ħruġ ta'ċertifikati msemmija fil-punt (e) tista' tiġi rikonoxxuta bil-ħruġ ta' approvazzjoni

3. B' deroga mill-paragrafi 1 u 2:

(a) permess għat-titjir jista' jinħareġ meta jintwera illi l-inġenju ta' l-ajru kapaċi jwettaq titjira bażika b'sigurtà. Għandu jinħareġ bil-limitazzjonijiet approprjati, b'mod partikulari sabiex tiġi protetta s-sigurtà tal-partijiet terzi;

(b) ċertifikat ristrett ta' *Airworthiness* jista' jinħareġ għal inġenju ta' l-ajru li għalih ma nħariġx ċertifikat tat-tip skond il- paragrafu 2(a). F'dan il-każ, l-inġenju ta' l-ajru għandu jidher li jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi ta' *Airworthiness* u mad-devjazzjonijiet mill-ħtieġiet essenzjali msemmija fil-pargrafu I għandhom madanakollu jiżguraw sigurtà adegwata fir-rigward ta' l-iskop. Inġenji ta' l-ajru eleġibbli għal dawn iċ-ċertifkati ristretti, u l-limitazzjonijiet ta' użu għal dawn l-inġenji ta' l-ajru għandhom jiġu definiti skond ir-regoli ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 4;

(ċ) meta n-numru ta' inġenji ta' l-ajru ta' l-istess tip eleġibbli għal ċertifkat ristrett ta' *Airworthiness* jiġġustifika hekk, ċertifkat ristrett tat-tip jista' jinħareġ u bażi approprjata ta' ċertifikazzjoni tat-tip għandha tiġi stabbilita.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 54(3), ir-regoli għall-implimentazzjoni ta' dan l- Artikolu, li jispeċifikaw b'mod partikolari:

▼B

(a) kondizzjonijiet sabiex jiġu stabbiliti u notifikati lil applikant il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli għal prodott;

(b) kondizzjonijiet sabiex jiġu stabbiliti u notifikati lil applikant l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati ta' *Airworthiness* applikabbli għall-partijiet u t-tagħmir;

(ċ) kondizzjonijiet sabiex jistabbilixxu u jinnotifikaw lill-applikant l-ispeċifikazzjonijiet speċifiċi ta' *Airworthiness* applikabbli għal inġenji ta' l-ajru eliġibbli għal ċertifikat ristrett ta' *Airworthiness*;

(d) kondizzjonijiet sabiex tinħareġ u tiġi mxerrda informazzjoni mandatorja sabiex tiġi assigurata l-*Airworthiness* kontinwa ta' prodotti;

(e) kondizzjonijiet sabiex jinħarġu, jinżammu, jiġu emendati, jiġu sospiżi jew irrevokati ċertifikati tat-tip, ċertifikati tat-tip ristretti, l-approvazzjonijiet għal bidliet għal ċertifikati tat-tip, ċertifikati ristretti ta' *Airworthiness*, permessi għal titjir u ċertifikati għal prodotti, partijiet jew apparat, inklużi:

(i) kondizzjonijiet dwar id-durata ta' dawn iċ-ċertifikati, u kondizzjonijiet sabiex jiġġeddu ċertifikati meta tiġi ffissata durata limitata;

(ii) restrizzjonijiet applikabbli għall-ħruġ ta' permessi għal titjir. Dawn ir-restrizzjonijiet għandhom jikkonċernaw b'mod partikolari dan li ġej:

— l-iskop tat-tijira,

— l-ispazju ta' l-arju wżat għat-titjira

— kwalifika ta' l-ekwipaġġ tat-titjira,

— it-trasport ta' persuni barra mill-ekwipaġġ tat-titjira;

(iii) inġenji ta' l-ajru eleġibbli għal ċertifikati ristretti ta' *Airworthiness*, u restrizzjonijiet assoċjati;

(f) kondizzjonijiet biex jinħarġu, jinżammu, jiġu emendati, sospiżi jew irrevokati approvazzjonijiet ta' organizzazzjoni meħtieġa skond il-pargrafu 2(d) u (f) u l-kondizzjoniiet li taħthom dawn l-approvazzjonijiet m'hemmx għalfejn jintalbu;

(g) kondizzjonijiet biex jinħargu, jinżammu, jiġu emendati, sospiżi jew irrevokati ċertifikati tal-personal meħtieġa skond il-paragrafu 2(e);

(h) responsabbiltajiet ta' titolari taċ-ċertifikati;

(i) kif inġenji ta' l-ajru msemmija fil-pargrafu 1 li mhumiex koperti bil-paragrafu 2 jew 3 għandhom juru konformità mal-ħtiġiet essenzjali.

5. Meta jiġu stabbiliti r-regoli ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni tieħu attenzjoni speċifika li:

(a) jirriflettu l-istat ta' l-arti u l-aħjar prattiki fil-kamp tal-*Airworthiness*;

(b) jieħdu kont ta' l-esperjenza dinjija ta' l-inġenji ta' l-ajru fis-servizz, u tal-progress xjentifiku u tekniku;

(ċ) jippermettu reazzjoni immedjata għal kawżi stabbiliti ta' inċidenti u inċidenti serji.

Artikolu 6

Ħtiġiet essenzjali għall-protezzjoni ambjentali

▼M1

1. Il-Prodotti, partijiet u apparat għandhom jikkonformaw mal-kondizzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent stipulati fl-Anness 16 tal-Konvenzjoni ta' Chicago hekk kif ippubblikati f'Marzu 2002 fir-rigward ta' l-Ewwel Volum u Novembru 1999 fir-rigward tat-Tieni Volum, bl-eċċezzjoni ta' l-Appendiċi ta' l-Anness 16.

▼B

2. Skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(3), il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jista' jiġi addattat, sabiex jinġjieb in linja ma' emendi sussegwenti għall-Konvenzjoni ta' *Chicago* u l-Annessi tagħha, li jidħlu fis-seħħ wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u li jsiru applikabbli fl-Istati Membri kollha, sakemm dawn l-addattamenti ma jwessgħux il-qasam ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha tippreskrivi r-regoli għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, bl-użu kif neċessarju tal-kontenut ta' l-Appendiċi msemmija fil-paragrafu 1, skond il-proċedura stabbilita fl- Artikolu 54 (3).

Artikolu 7

Operazzjonijiet ta' l-ajru u l-liċenzji lill-ekwipaġġ ta' l-ajru

Fir-rigward tal-prinċipji bażiċi, l-applikabilità u l-ħtiġiet essenzjali għall-oqsma koperti bl-Artikolu 1(1)(b), il-Kummissjoni għandha, malajr kemm jista' jkun, tissottometti proposti dwar dawn lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 8

Ir-Rikonoxximent ta' ċertifikati

1. L-Istati Membri għandhom, mingħajr ħtieġiet jew valutazzjonijiet tekniċi ulterjuri, jirrikonoxxu ċ-ċertifikati maħruġa skond dan ir-Regolament. Meta r-rikonoxximent oriġinali huwa għal skop, jew skopijiet partikolari, kwalunkwe rikonoxximent sussegwenti għandu jkopri biss l-istess skop(ijiet).

2. Fl-istennija ta' l-adozzjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(4), u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 57(2), ċertifikati li ma jistgħux jinħarġu skond dan ir-Regolament jistgħu jinħarġu abbażi tar-regolamenti nazzjonali applikabbli.

L-Artikolu 9

L-Aċċettazzjoni ta' l-approvazzjoni ta' pajjiż terz

1. B'deroga mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-regoli adottati għall-implimentazzjoni tiegħu, l-Aġenzija jew l-awtoritajiet ta' l-avjazzjoni fl-Istat Membru jistgħu joħorġu ċertifikati abbażi ta' ċertifikati maħruġa minn awtoritajiet aeronawtiċi ta' pajjiż terzi, kif previst fi ftehim ta' rikonoxximent bejn il-Komunità u dak il-pajjiż terz.

2. (a) Fl-assenza ta' ftehim konkluż mill-Komunità, Stat Membru jew l-Aġenzija jistgħu joħorġu ċ-ċertifikati abbażi ta' ċertifikazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz fl-applikazzjoni ta' ftehim konkluż minn dak l-Istat Membru mal-pajjiż terz in kwistjoni qabel id-dħul fis-seħħ tad-disposizzjonijiet relatati ta' dan ir-regolament u notifikat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra. L-Aġenzija tista' wkoll toħroġ dawn iċ-ċertifkati għan-nom ta' l-Istat Membru fl-applikazzjoni ta' ftehim konklż bejn wieħed mill-Istati Membri mal-pajjiż terz in kwistjoni

(b) Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra illi:

— d-disposizzjonijiet ta' ftehim bejn Stat Membru u pajjiż terz ma jipprovdix għal livell ta' sigurtà ekwivalenti għal dak speċifikat b'dan ir-Regolament u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu u/jew,

— dan il-ftehim jagħmel diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri mingħajr ma jkunu obbligati raġunijiet ta' sigurtà jew huwa

▼B

kuntraju għall-politika barranija tal-Komunità fir-rigward ta' pajjiż terz,

tista', skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 54(2) teħtieġ lill-Istat Membru kkonċernat li jimmodifika l-ftehim jew jissospendi l-applikazzjoni tiegħu jew jirrinunzja għalih, in konformità ma' l-Artikolu 307 tat-Trattat.

(ċ) Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jirrinunzjaw ftehim malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' fethim bejn il-Komunità u l-pajjiż terz in kwistjoni, dwar dawk id-dominji koperti b'dak il-ftehim aħħari.

Artikolu 10

Disposizzjonijiet ta' flessibiltà

1. Id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u ta' regoli adottati għall-implimentazzjoni tiegħu m'għandhomx jipprevjenu Stat Membru milli jirreaġixxi immedjatament għal problema ta' sigurtà li tinvolvi prodott, persuna jew organizzazzjoni soġġetti għad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Jekk il-problema ta' sigurtà hija riżulatat ta':

(a) livell inadewgat ta' sigurtà li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament; jew

(b) żvantaġġ f'dan ir-Regolament jew ir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu;

l-Istat Membru għandu jinnotifika immedjatament lill-Aġenzija, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-miżuri meħuda u r-raġunijiet għalihom.

2. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(3), jekk livell inadegwat ta' sigurtà jew żvantaġġ f'dan ir-Regoalment jew fir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu jiġġustifikawx l-applikazzjoni kontinwa tal-miżuri adottati skond il-paragrafu 1. F'dak il-każ, għandha wkoll tieħu l-passi neċessarji sabiex temenda r-regola rrelatata. Jekk il-miżuri ta' l-Istati Membri jinsab li ma jkunux ġustifikati, l-Istat Membru għandu jirrevoka jew jemenda l-miżuri in kwistjoni

3. Stati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-ħtiġiet sostantivi stabbiliti f'dan ir-Regolament u fir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu fil-każ ta' ċirkostanzi operazzjonali urġenti mhux mistennija jew ħtiġiet operazzjonali ta' durata limitata, sakemm il-livell ta' sigurtà ma jkunx effetwat b'mod ħażin bihom. L-Aġenzija, il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jiġu nnotifikati bi kwalunkwe eżenzjoni ta' dan it-tip malli jsiru repetittivi jew meta jingħataw għal perjodi ta' aktar minn xahrejn.

4. Meta l-miżuri deċiżi minn Stat Membru huma inqas restrittivi mid-disposizzjonijiet Komunitarji applikabbli, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk l-eżenzjonijiet jikkonformawx mal-mira ġenerali ta' sigurtà ta' dan ir-Regolament jew xi regola oħra tal-Komunità. Jekk l-eżenzjonijiet mogħtija ma jikkonformawx mal-miri ġenerali ta' sigurtà ta' dan ir-Regolament jew kwalunkwe regola oħra tal-liġi Komunitarja, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(4). F'dan il-każ, l-Istat Membru għandu jirrevoka l-eżenzjoni.

5. Meta livell ekwivalenti ta' protezzjoni għal dak milħuq bl-applikazzjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni għall-Artikoli 5 u 6 jista' jintlaħaq permezz ta' mezzi oħra, l-Istati Membri jistgħu, mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità, jagħtu approvazzjoni li tidderoga minn dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni. F'dawn il-każijiet, l-Istat Membru konċernat għandu jinnotifika lill-

▼B

Kummissjoni illi għandu l-intenzjoni jagħti din l-approvazzjoni u għandu jagħti raġunijiet li juru l-bżonn ta' deroga mir-regola kkonċernata, kif ukoll il-kondizzjonijiet stabbiliti sabiex jiġi assigurat assigurat li jintlaħaq livell ekwivalenti ta' protezzzjoni.

6. Fi żmien tliet xhur minn meta tiġi nnotifikata minn Stat Membru skond il-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tibda l-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(3), sabiex tiddeċiedi jekk approvazzjoni proposta skond il-paragrafu 5 tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak il-paragrafu u tistax tingħata. F'dak il-każ, għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha, li għandhom ukoll ikunu intitolati japplikaw dik il-miżura. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 għandhom japplikaw għall-miżura in kwistjoni. Ir-regoli rilevanti ta' implimentazzjoni jistgħu ukoll jiġu emendati sabiex jirriflettu dik il-miżura, bl-użu ta' proċeduri trasparenti, skond l-Artikolu 43.

Artikolu 11

Network ta' informazzjoni

1. Il-Kummissjoni, l-Aġenzija, u l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-avjazzjoni għandhom jiskambjaw kull informazzjoni disponibbli lilhom fil-kuntest ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regoalment u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu. Entitajiet fdati bl-investigazzjoni ta' inċidenti ċivili u inċidenti, jew bl-analiżi ta' dak li jseħħ, huma intitolati għall-aċċess għal dik l-informazzjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Kummissjoni kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(3), miżuri għat-tixrid lill-partijiet interessati fuq l-inizjattiva proprja tal-Kummissjoni ta' l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawn il-miżuri, li jistgħu jkunu ġeneriċi jew individwali, għandhom ikunu bbażati fuq il-bżonn:

(a) li jipprovdu persuni u organizzazzjonijiet bl-informazzjoni li jeħtieġu sabiex titjieb is-sigurtà ta' l-avjazzjoni;

(b) li jillimitaw id-disseminazzjoni ta' informazzjoni għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-iskop ta' l-utenti tagħha, sabiex tiġi assigurata kunfidenzjalità approprjata ta' dik l-informazzjoni.

3. L-awtoritajiet nazzjonali ta' l-avjazzjoni għandhom, skond il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, jieħdu l-passi neċessarji sabiex jassiguraw kunfidenzjalità approprjata ta' l-informazzjoni riċevuta minnhom bl-applikazzjoni tal-paragrafu 1.

4. Sabiex il-pubbliku jiġi nfurmat bil-livell ġenerali ta' sigurtà, għandha tiġi ppubblikata annwalment mill-Aġenzija reviżjoni ta' sigurtà.

▼B

KAPITOLU III

L-AĠENZIJA EWROPEA TAS-SIGURTÀ TA' L-AVJAZZJONI

SEZZJONI I

IL-KOMPITI

Artikolu 12

L-Istabbiliment u l-funzjonijiet ta' l-Aġenzija

1. Għall-iskop ta' l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni, hawnhekk iżjed il quddiem magħrufa bħala "l-Aġenzija", għandha tiġi stabbilita.

2. Għall-iskopijiet li jiġi assigurat il-funzjonament u l-iżvilupp tajjeb tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili, l-Aġenzija għandha:

(a) tieħu kwalunkwe kompitu u tifformula opinjonijiet dwar il-materji kollha koperti bl-Artikolu 1(1);

(b) tassisti lill-Kummissjoni billi tipprepara miżuri li għandhom jittieħdu għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta dawn jinkludu regoli tekniċi u b'mod partikolari regoli li jirrelataw għall-kostruzzjoni u d-disinn u aspetti operazzjonali, il-Kummissjoni ma tistax tibdel il-kontenut tagħhom mingħajr koordinazzjoni minn qabel ma' l-Aġenzija. L-Aġenzija għandha wkoll tipprovdi lill-Kummissjoni bis-sostenn neċessarju tekniku, xjentifiku, u amministrattiv sabiex twettaq il-kompiti tagħha;

(ċ) tieħu l-miżuri neċessarji fil-poteri konferiti lilha b'dan ir-Regolament jew leġislazzjoni Komunitarja oħra;

(d) tmexxi spezzjonijiet u investigazzjonijiet neċessarji sabiex tissodisfa l-kompiti tagħha;

(e) fl-oqsma ta' kompetenza tagħha, tmexxi, f'isem Stati Membri, funzjonijiet u kompiti mogħtija lilhom minn Konvenzjoniiet Internazzjonali applikabbli, b'mod partikolari il-Konvenzjoni ta' *Chicago*.

Artikolu 13

Miżuri ta' l-Aġenzija

L-Aġenzija għandha, meta approprjat:

(a) tagħti opinjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni;

(b) toħroġ speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni, li jinkludu kodiċijiet ta' l-*Airworthiness* u mezzi aċċettabbli ta' konformità, kif ukoll kwalunkwe materjal ta' gwida għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu;

(ċ) tieħu d-deċiżjonijiet approprjati għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 15, 45 u 46.

Artikolu 14

Opinjonijiet, ċertifikazzjonijiet, speċifikazzjonijiet u materjal ta' gwida

1. Sabiex tassisti lill-Kummissjoni fil-preparazzjoni ta' proposti għall-prinċipji bażiċi, l-applikabilità u ħtiġiet essenzjali li

▼B

għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u l-adozzjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni, l-Aġenzija għandha tipprepara abbozzi tagħhom. Dawn l-abbozzi għandhom jiġu sottomessi mill-Aġenzija bħala opinjonijiet lill-Kummissjoni.

2. L-Aġenzija għandha, skond l-Artikolu 43 u r-regoli ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni, tiżviluppa:

(a) speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni, li jinkludu kodiċijiet ta' *Airworthiness* u mezzi aċċettabbli ta' konformità; u

(b) materjal ta'gwida;

li għandhom jintużaw fil-proċess ta' ċertifikazzjoni.

Dawn id-dokumenti għandhom jirriflettu l-istat ta' l-affarijiet u l-aħjar prattiki fl-oqsma kkonċernati u għandhom jiġu aġġornati b' kont meħud ta' esperjenza dinjija ta' inġenji ta' l-ajru fis-servizz, u progress xjentifiku u tekniku.

Artikolu 15

Ċertifkazzjoni tal-Airworthiness u ambjentali

1. Fir-rigward ta' prodotti, partijiet u tagħmir imsemmi fl- Artikolu 4(1), l-Aġenzija għandha, meta applikabbli u kif speċifikat fil-Konvenzjoni ta' *Chicago* u l-Annessi tagħha, twettaq f'isem l-Istati Membri l-funzjonijiet u l-kompiti ta' l-Istat tad-disinn, il-fabbrikazzjoni jew ir-reġistrazzjoni meta rrelatati ma' l-approvazzjoni tad-disinn. Għal dak l-iskop, għandha b'mod partikolari:

(a) għal kull prodott li għalih hu mitlub ċertifikat tat-tip jew bidla għal ċertifikat tat-tip, tistabbilixxi u tinnotifika l-bażi taċ-ċertifikat tat-tip. Din il-bażi ta' ċertifikazzjoni tikkonsisti fil-kodiċi tal-*Airworthiness* applikabbli, id-disposizzjonijiet li għalihom ġie aċċettat livell ekwivalenti ta' sigurtà u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati neċessarji meta l-fatturi tad-disinn ta' prodott partikolari jew l-esperjenza in operazzjoni jrendu kwalunkwe disposizzjoni tal-kodiċi ta' *Airworthiness* inadegwata jew inappropprjata sabiex tiġi assigurata konformità ma' ħtiġiet essenzjali;

(b) għal kull prodott li għalih hu mitlub ċertifkat ristrett ta' *Airworthiness*, tistabbilixxi u tinnotifika l-ispeċifkazzjonijiet speċifiċi ta' l-*Airworthiness*;

(ċ) għal kull parti jew tagħmir li għalih hu mitlub ċertifikat, tistabbilixxi u tinnotifika l-ispeċifkazzjonijiet dettaljati ta' *Airworthiness*;

(d) għal kull prodott li għalih hi meħtieġa ċertifikazzjoni ambjentali skond l-Artikolu 6, tistabbilixxi u tinnotifika l-ħtiġiet ambjentali appropprjati;

(e) tikkonduċi, hija stess jew permezz ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-avjazzjoni jew entitajiet kwalifikati, ispezzjonijiet tekniċi assoċjati maċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti, partijiet u tagħmir;

(f) toħroġ iċ-ċertifkati tat-tip appropprjati jew bidliet assoċjati;

(g) toħroġ ċertifkati għal partijiet u apparat;

(h) toħroġ iċ-ċertifikati ambjentiali appropprjati;

(i) temenda, tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat rilevanti meta l-kondizzjonijiet li skondhom inħareġ mhumiex aktar sodisfatti jew jekk il-persuna ġuridika jew fiżika titolari taċ-ċertifikat ma tissodisfax l-obbligi mposti fuqha b'dan ir-Regolament jew bir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu;

▼B

(j) tassigura l-funzjonijiet kontinwi ta' *Airworthiness* assoċjati mal-prodotti, l-partijiet u t-tagħmir li hija ċċertifikat, inkluża r-reazzjoni mingħajr dewmien mhux dovut għal problema ta' sigurtà u toħroġ u tiddissemina l-informazzjoni mandatorja applikabbli.

2. Fir-rigward ta' organizzazzjonijiet, l-Aġenzija għandha:

(a) tikkonduċi, hija nnifsha jew permezz ta' l-awtoritajiet ta' l-avjazzjoni nazzjonali jew entitajiet kwalifikati, ispezzjonijiet u verifiki ta' l-organizzazzjonijiet li hija tiċċertifika;

(b) toħroġ u ġġedded ċertifikati ta'

(i) organizzazzjonijiet ta' disinn; jew

(ii) organizzazzjonijiet ta' produzzjoni li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri, jekk mitluba mill-Istat Membru kkonċernat; jew

(iii) organizzazzjonijiet ta' produzzjoni u manutenzjoni allokati barra t-territorju ta' l-Istati Membri;

(ċ) temenda, tissospendi u tirrevoka ċ-ċertifikat rilevanti ta' l-organizzazzjoni meta l-kondizzjonijiet li skondhom inħareġ mhumiex aktar sodisfatti, jew jekk l-organizzazzjoni kkonċernata tonqos ti tissodisfa l-obbligi mposti fuqha b'dan ir-Regolament jew bir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu;

Artikolu 16

Monitoraġġ ta' l-applikazzjoni tar-regoli

1. L-Aġenzija għandha tmexxi spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni f'oqsma koperti bl-Artikolu 1(1), sabiex tagħmel monitoraġġ ta' l-applikazzjoni minn awtoritajiet nazzjonali ta' l-avjazzjoni ta' dan ir-Regolament u tar-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu u għandha tirrapporta lill-Kummissjoni.

2. L-Aġenzija għandha tikkonduċi investigazzjonijiet tekniċi sabiex tagħmel monitoraġġ ta' l-effettività ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, b'qies għall-miri stabbiliti fl-Artikolu 2.

3. L-Aġenzija għandha tiġi kkonsultata u tagħti l-opinjoni tagħha lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 10.

4. Il-metodi ta' xogħol ta' l-Aġenzija sabiex tikkonduċi l-kompiti msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom ikunu soġġetti għall-ħtiġiet li għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(2), u b'kont meħud għall-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 43 u 44.

Artikolu 17

Ir-Riċerka

1. L-Aġenzija tista' tiżviluppa u tiffinanzja riċerka sa fejn tirrelata strettament għat-titjib ta' attivitajiet fil-qasam ta' kompetenza tagħha, mingħajr preġudizzju għal-Liġi Komunitarja.

2. L-Aġenzija għandha tikkoordina r-riċerka tagħha u l-attivitajiet ta' żvilupp ma' dawk tal-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex tassigura li l-politiki u l-azzjonijiet huma konsistenti b'mod reċiproku.

3. Ir-riżultati tar-riċerka mill-fondi ta' l-Aġenzija għandhom jiġu ppubblikati, sakemm ma tikklassifikhomx bħala kunfidenzjali.

▼B

Artikolu 18

Relazzjonijiet Internazzjonali

1. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Komunità u l-Istati Membri tagħha fir-relazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi skond il-liġi Komunitarja rilevanti. Għandha, b'mod partikolari, tassisti fl-armonizzazzjoni tar-regoli u tar-rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' approvazzjonijiet li jikkonfermaw l-applikazzjoni soddisfaċenti tar-regoli.

2. L-Aġenzija tista' tikkoopera ma' l-awtortiajiet aeronawtiċi ta' pajjiżi tersi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fi kwistjonijiet koperti b'dan ir-Regolament fil-kwadri ta' arranġamenti ta' xogħol konklużi ma' dawk il-korpi, skond id-disposizzjonijiet rilevanti tat-Trattat.

3. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri sabiex jirrispettaw l-obligi internazzjonali tagħhom, b'mod partikolari dawk taħt il-Konvenzjoni ta' *Chicago*.

SEZZJONI II

L-ISTRUTTURA INTERNA

Artikolu 19

L-Istatus Legali, il-post, l-uffiċċji lokali

1. L-Aġenzija għandha tkun korp tal-Komunità. Għandu jkollha personalità ġuridika.

2. F'kull wieħed mill-Istati Membri, l-Aġenzija għandha tgawdi l-iktar kapaċità ġuridika estensiva mogħtija lil persuni ġuridiċi taħt il-liġijiet tagħhom. Tista' b'mod partikolari, takkwista jew tiddisponi minn proprjetà mobbli u immobbli u tista' tkun parti għal proċeduri legali.

3. L-Aġenzija tista' tistabbilixxi l-uffiċċji lokali tagħha fl-Istati Membri soġġetti għall-kunsens tagħhom.

4. L-Aġenzija għandha tkun rappreżentata mid-Direttur Eżekuttiv tagħha.

Artikolu 20

Impjegati

1. Ir-Regolamenti ta' l-impjegati ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, il-Kondizzjonijiet ta' impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej u r-regoli adottati konġuntament mill-istituzzjonijiet tal-Komuntajiet Ewropej għal skopijiet ta' l-applikazzjoni ta' dawk ir-Regolamenti u l-Kondizzjonijiet ta' impieg għandhom japplikaw għall-impjegati ta' l-Aġenzija, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 33 ta' dan ir-Regolament għall-membri tal-Bord ta' l-Appell.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30, il-poteri konferiti lill-awtorità ta' applikazzjoni mir-Regolamenti ta' l-Impjegati, u mill-Kondizzjonijiet ta' impieg ta' ħaddiema oħra, għandhom jiġu eżerċitati mill-Aġenzija fir-rigward ta' l-impjegati tagħha stess.

3. L-impjegati ta' l-Aġenzija għandhom jikkonsistu f'numru strettament limitat ta' uffiċjali mogħtija jew assekondati mill-Kummissjoni jew Stati Membri sabiex iwettqu kompiti ta' Tmexxija. Il-bqija ta' l-impjegati għandhom jikkonsistu f' impjegati oħra

▼B

miġbura mill-Aġenzija kif neċessarju sabiex jitwettqu l-kompiti tagħha.

Artikolu 21

Privileġġi u Immunitajiet

Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandu japplika għall-Aġenzija.

Artikolu 22

Ir-Responsabbiltà

1. Ir-responsabbiltà kontrattwali ta' l-Aġenzija għandha tiġi rregolata bil-Liġi applikabbli għall-kuntratt in kwistjoni.

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollha ġurisdizzjoni biex li tagħti sentenza skond kwalunkwe kważola ta' arbitraġġ li tinsab f' kuntratt konkluż mill-Aġenzija.

3. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Aġenzija għandha, skond il-prinċipji ġenerali komuni għal-Liġijiet ta' l-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsara kkważata mid-dipartimenti jew mill-ħaddiema tagħha fil-qadi ta' dmirijiethom.

4. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkollha ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jirrelataw għal kumpens għall-ħsara msemmija fil-paragrafu 3.

5. Ir-responsabbiltà personali tal-ħaddiema tagħha lejn l-Aġenzija għandha tiġi rregolata bid-disposizzjonijiet stabbiliti fir-Regoalmenti jew il-Kondizzjonijiet ta' impjieg applikabbli għalihom.

Artikolu 23

Pubblikazzjoni ta' dokumenti

1. Mingħajr preġudizzju għal deċiżjonijiet meħuda abbażi ta' l-Artikolu 290 tat-Trattat, id-dokumenti li ġejjin għandhom jiġu prodotti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità:

(a) reviżjoni tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 11(4);

(b) opinjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 14 (1);

(ċ) ir-rapport ġenerali annwali u l-programm ta' xogħol imsemmi fl-Artikolu 24(2)(b) u (ċ) rispettivament.

2. Is-servizzji ta' traduzzjoni meħtieġa għall-funzjonament ta' l-Aġenzija għandhom jiġu pprovduti miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għal korpi ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 24

Poteri tal-Bord ta' Tmexxija

1. L-Aġenzija għandu jkollha Bord ta' Tmexxija.

2. IL-Bord ta' Tmexxija għandu:

(a) jaħtar id-Direttur Eżekuttiv, u d-Diretturi fuq proposta tad-Direttur Eżekuttiv skond l- Artikolu 30;

▼M2

(b) Il-Bord tat-Tmexxija għandu jaddotta l-mizuri li hemm fir-rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' l-Aġenzija u jibgħatu sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti ta' l-Awdituri u lill-Istati Membri.

L-Aġenzija għandha tibgħat kull sena lill-awtorità tal-*budget* kull informazzjoni relevanti għar-riżultat tal-proċeduri ta' valutazzjoni.

▼B

(ċ) qabel it-30 ta' Settembru ta' kull sena, u wara li jirċievi l-opinjoni tal-Kummissjoni, jadotta l-programm ta' xogħol ta' l-Aġenzija għas-sena ta' ħidma ta' wara u jgħaddih lill-Parlament Ewopew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri; dan il-programm ta' xogħol għandu jiġi adottat mingħajr preġudizzju għall-proċedura annwali Komunitarja tal-budget u l-programm leġislattiv Komunitarju fiż-żoni rilevanti tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni;

(d) jadotta linji gwida għall-allokazzjoni ta' kompiti ta' ċertifikazzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-avjazzjoni jew entitajiet kwalifikati bi ftehim mal-Kummissjoni;

(e) jistabbilixxi proċeduri sabiex jittieħdu deċiżjonijiet mid-Direttur Eżekuttiv skond l-Artikoli 43 u 44;

(f) Iwettaq il-funzjonijiet tiegħu rrelatati mal-budget ta' l-Aġenzija skond l-Artikoli 48, 49 u 52;

(g) Jaħtar membri tal-Bord ta' l-Appell skond l-Artikolu 3 2;

(h) jeżerċita awtorità dixxiplinari fuq id-Direttur Eżekuttiv u d-Diretturi, bi ftehim mad-Direttur Eżekuttiv;

(i) jagħti l-opinjoni tiegħu dwar ir-regolament fuq il-ħlasijiet u l-piżijiet kif imsemmi fl-Artikolu 53(1).

(j) jistabbilixxi ir-Regoli tiegħu ta' Proċedura;

(k) jiddeċiedi dwar arranġamenti lingwistiċi għall-Aġenzija;

(l) jikkumplimenta, meta approprjat, il-lista ta' dokumenti msemmija fl-Artikolu 23(1);

(m) jistabbilixxi l-istruttura organizzazzjonali ta' l-Aġenzija u jadotta l-poltika ta' impjieg ta' l-Aġenzija.

3. Il-Bord ta' Tmexxija jista' jagħti parir lid-Direttur Eżekuttiv dwar kwalunkwe kwistjoni strettament relatata ma' l-iżvilupp strateġiku ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni, inkluża riċerka kif definit fl-Artikolu 17.

4. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jistabbilixxi korp konsultattiv ta' partijiet interessati, li għandu jikkonsulta qabel ma jieħu deċiżjonijiet fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 2(ċ), (e), (f) u (i). Il-Bord ta' Tmexxija jista' wkoll jiddeċiedi li jikkonsulta lill-korp konsultattiv dwar kwistjonijiet oħra msemmija fil-paragrafi 2 u 3. Il-Bord ta' Tmexxija m'għandux ikun marbut bl-opinjoni tal-korp konsultattiv.

Artikolu 25

Kompożizzjoni tal-Bord ta' Tmexxija

1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u rappreżentant ieħor mill-Kummissjoni. Għal dan l-iskop, kull Stat Membru u l-Kummissjoni għandhom jaħtru membru tal-Bord ta' Tmexxija kif ukoll supplent biex jirrappreżenta l-membru fl-assenza tiegħu/tagħha.

▼B

It-terminu tal-mandat għandu jkun ta' ħames snin. Dan it-terminu tal-mandat għandu jiġġedded.

2. Meta approprjat, il-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti ta' pajjiżi terzi Ewropej u l-kondizzjonijiet tagħhom għandhom jiġu stabbiliti fl-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 55.

Artikolu 26

Il-Presidenza tal-Bord ta' Tmexxija

1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jeleġġi President u Deputat President minn fost il-membri tiegħu. Id-Deputat President għandu *ex officio* jissostitwixxi lill-President fil-każ illi huwa/hija jiġu pprevenuti milli jwettqu l-kompiti tagħhom.

2. It-terminu tal-mandat tal-President u tad-Deputat President għandu jiskadi meta s-sħubija rispettiva tal-Bord ta' Tmexxija tieqaf. Soġġett għal din id-disposizzjoni, it-terminu tal-mandat tal-President jew tad-Deputat President għandu jkun ta' tliet snin. Dawn it-termini tal-mandat għandhom jiġġeddu.

Artikolu 27

Il-Laqgħat

1. Il-Laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija għandhom jissejħu mill-President.

2. Id-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija għandu jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet.

3. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkollu mill-inqas żewġ laqgħat ordinarji fis-sena. B'żieda, għandu jiltaqa' fuq talba tal-President jew fuq it-talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu.

4. Il-Bord ta' Tmexxija jista' jistieden lil kwalunke persuna li l-opinjoni tagħha tista' tkun ta' interess sabiex tattendi l-laqgħat tiegħu bħala osservatur.

5. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija jistgħu, soġġetti għad-disposizzjonijiet tar-Regoli tiegħu ta' Proċedura, jiġu assistiti minn konsulenti jew esperti.

6. Is-segretarjat tal-Bord ta' Tmexxija għandu jiġi pprovdut mill-Aġenzija.

Artikolu 28

Il-Votazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30(1), il-Bord ta' Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu. Fuq it-talba ta' membru tal-Bord ta' Tmexxija, id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 24(2)(k) għandha tittieħed b'unanimità.

2. Kull membru għandu jkollu vot wieħed. Id-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija m'għandux jivvota. Fl-assenza ta' membru, is-supplent tiegħu/ tagħha għandu jkun intitolat jeżerċita d-dritt tiegħu/tagħha tal-vot.

3. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jistabbilixxu l-arranġamenti iktar dettaljati ta' votazzjoni, b'mod partikolari, il-kondizzjonijiet għal membru sabiex jaġixxi f'isem membru ieħor kif ukoll kwalunkwe ħtiġiet tal-kworum, meta approprjat.

▼B

Artikolu 29

Il-Funzjonijiet u l-poteri tad-Direttur Eżekuttiv

1. L-Aġenzija għandha tiġi amministrata mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, li għandu jkun kompletament indipendenti fit-twettieq tal-kompiti tiegħu/tagħha. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Kummissjoni u l-Bord ta' Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv m'għandu la jfittex u lanqas jieħu istruzzjoniijiet minn xi gvern jew korp ieħor.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jistieden lid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija biex jirrapporta dwar it-twettieq tal-kompiti tiegħu/ tagħha.

3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkollu l-funzjonijiet u l-poteri li ġejjin:

(a) li japprova l-miżuri ta' l-Aġenzija kif definiti fl-Artikoli 13 u 15 fil-limiti speċifikati b' dan ir-Regolament u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu u kwalunkwe liġi applikabbli;

(b) li jiddeċiedi dwar ispezzjonijiet u investigazzjonijiet kif previst fl-Artikoli 45 u 46;

(ċ) li jalloka kompiti ta' ċertifikazzjoni lill-Awtoritajiet Nazzjonali ta' l-Avjazzjoni jew entitajiet kwalifikati skond il-linji gwida mfassla mill-Bord ta' Tmexxija;

(d) li jidħol għal kwalunkwe funzjonijiet internazzjonali u kooperazzjoni teknika ma' pajjiżi terzi skond l-Artikolu 18;

(e) jieħu l-passi kollha neċessarji, inkluża l-adozzjoni ta' struzzjonijiet amministrattivi interni u l-pubblikazzjoni ta' avviżi, sabiex jiżguraw il-funzjonament ta' l-Aġenzija skond id-dispozizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;

(f) jipprepara kull sena abbozz ta' rapport ġenerali u jissottomettih lill-Bord ta' Tmexxija;

(g) jeżerċita fir-rigward ta' l-impjegati l-poteri stabbiliti fl- Artikolu 20(2);

(h) ifassal l-istimi tad-dħul u l-infiq ta' l-Aġenzija skond l- Artikolu 48, u jimplimenta l-budget skond l-Artikolu 49;

(i) jiddelega l-poteri tiegħu lill-membri oħra ta' l-impjegati ta' l-Aġenzija soġġett għar-regoli li għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(2);

(j) Bil-kunsens tal-Bord ta' Tmexxija, sabiex jieħu deċiżjoni fir-rigward ta' l-istabbilimenti ta' uffiċċji lokali fl-Istati Membri skond l- Artikolu 19(3).

Artikolu 30

Il-Ħatra ta' uffiċċjali Għolja

1. Id-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija għandu jinħatar abbażi tal-merti tiegħu u kompetenza u esperjenza dokumentata rilevanti għal avjazzjoni ċivili, jew jitneħħa mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta tal-Kummissjoni. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-membri tiegħu

2. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jiġi assistit minn Direttur wieħed jew aktar. Jekk id-Direttur Eżekuttiv huwa assenti jew indispost wieħed mid-Diretturi għandu jeħodlu postu.

3. Id-Diretturi ta' l-Aġenzija għandhom jinħatru abbażi ta' kompetenza professjonali rilevanti għal avjazzjoni ċivili, jew

▼B

jitneħħew mill-Bord ta' Tmexxija fuq il-proposta tad-Direttur Eżekuttiv.

4. Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv u tad-Diretturi għandu jkun ta' ħames snin. Dan il-mandat għandu jiġġedded.

Artikolu 31

Il-Poteri tal-Bordijiet ta' Appelli

1. Fl-Aġenzija, għandu jkun hemm Bord ta' l-Appell wieħed jew aktar.

2. Il-Bord jew Bordijiet ta' l-Appell għandhom ikunu responsabbli biex jiddeċiedu dwar appelli kontra d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 35.

3. Il-Bord jew Bordijiet ta' l-Appell għandhom jissejħu kif neċessarju. In-numru ta' Bordijiet ta' l-Appell u l-allokazzjoni tax-xogħol għandu jiġi determinat mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(3).

Artikolu 32

Komposizzjoni tal-Bordijiet ta' l-Appell

1. Il-Bord ta' l-Appell għandu jikkonsisti minn President u żewġ membri oħra.

2. Il-President u ż-żewġ membri għandu jkollhom supplenti li jirrappreżentawhom fl-assenza tagħhom.

3. Il-President, il-membri l-oħra u s-supplenti rispettivi tagħhom għandhom jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija minn lista ta' kandidati kwalifikati adottata mill-Kummissjoni.

4. Meta l-Bord ta' l-Appell jikkunsidra illi n-natura ta' l-appell tirrikjedi hekk, jista' jsejjaħ żewġ membri oħra mill-imsemmija lista għal dak il-każ.

5. Il-kwalifiki meħtieġa għall-membri ta' kull Bord ta' l-Appell, il-poteri ta' membri individwali fil-fażi preparatorja tad-deċiżjonijiet u l-kondizzjonijiet ta' votazzjoni għandhom jiġu determinati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(3).

Artikolu 33

Membri tal-Bordijiet ta' l-Appell

1. Il-mandat tal-membri tal-Bordijiet ta' l-Appell, inkluż il-President u s-supplenti rispettivi tagħhom, għandu jkun ta' ħames snin. Dan il-mandat għandu jkun jiġġedded.

2. Il-membri tal-Bordijiet ta' l-Appell għandhom ikunu indipendenti. Fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom m'għandhomx ikunu marbuta bi kwalunkwe istruzzjonijiet.

3. Il-membri tal-Bordijiet ta' l-Appell ma jistgħux iwettqu dmirijiet oħra fl-Aġenzija. Il-funzjoni tal-membri tal-Bordijiet ta' l-Appell jistgħu jkunu funzjonijiet fuq bażi *part-time*.

4. Il-membri tal-Bordijiet ta' l-Appell ma jistgħux jitneħħew mill-mandat jew mil-lista matul il-mandati rispettivi tagħhom sakemm ma jkunx hemm bażijiet serji sabiex jitneħħew u l-Kummissjoni, wara li tottjeni l-opinjoni tal-Bord ta' Tmexxija, tieħu deċiżjoni għal dan l-iskop.

▼B

Artikolu 34

Esklużjoni u oġġezzjoni

1. Membri tal-Bordijiet ta' l-Appell ma jistgħux jieħdu sehem fi kwalunkwe proċeduri ta' appell jekk ikollhom xi interess personali fihom, jew jekk qabel kienu involuti qabel bħala rappreżentanti ta' waħda mill-partijiet għall-proċeduri, jew jekk ipparteċipaw fid-deċiżjoni taħt appell.

2. Jekk, għal waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 1jew għal xi raġuni oħra , membru tal-Bord ta' l-Appell jikkunsidra illi huwa/hija m'għandux jieħu sehem fil-proċeduri ta' l-appell, huwa/hija għandu jinforma lill-Bord ta' l-Appell minnufih.

3. Membri tal-Bordijiet ta' l-Appell jistgħu jiġu oġġezzjonati minn kwalunkwe parti għall-proċeduri ta' l-appell fuq xi wieħed mill-bażijiet imsemmija fil-paragrafu 1, jew jekk issuspettat b' parzjalità. Oġġezzjoni m'għandhiex tkun ammissibbli jekk, waqt li tkun konxja mir-raġuni għal oġġezzjoni, il-parti għall-proċeduri ta' l-appell tkun għamlet pass proċedurali. L-ebda oġġezzjoni ma tista' tkun ibbażata fuq n-nazzjonalità tal-membri.

4. Il-Bordijiet tal-Appell għandhom jiddeċiedu dwar l-azzjoni li għandha tittieħed fil-każijiet speċifikati fil-paragrafi 2 u 3 mingħajr il-parteċipazzjoni tal-membru kkonċernat. Għall-iskopijiet biex tittieħed din id-deċiżjoni, il-membru kkonċernat għandu jiġi sostitwit fuq il-Bord ta' l-Appell mis-supplent tiegħu/tagħha.

Artikolu 35

Deċiżjonijiet soġġetti għal Appell

1. Appell jista' jsir kontra deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija li ttieħdu skond l-Artikoli 15, 46 jew 53.

2. Appell li jsir skond il-paragrafu 1 hawn fuq m'għandux ikollu effett ta' sospensjoni. Madanakollu, l-Aġenzija tista', jekk tikkunsidra illi ċ-ċirkostanzi jippermettu, tissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

3. Appell kontra deċiżjoni illi ma ttemmx il-proċeduri fir-rigward ta' waħda mill-partijiet jista' jsir biss konġuntement ma' appell kontra d-deċiżjoni finali, sakemm id-deċiżjoni ma tipprovdix għal appell separat.

Artikolu 36

Persuni intitolati għal appell

Kull persuna fiżika jew ġuridika tista' tappella kontra deċiżjoni indirizzata lil dik il-persuna, jew kontra deċiżjoni li, għalkemm fil-forma ta' deċiżjoni indirizzata lil persuna oħra, hija ta' interess dirett u indivdwali għal ta' l-ewwel. Il-partijiet għall-proċeduri jistgħu jkunu parti għall-proċeduri ta' appell.

Artikolu 37

Limitu ta' żmien u forma

L-appell, flimkien ma' l-istqarrija tal-bażijiet tiegħu, għandhom jiddaħħlu bil-kitba fl-Aġenzija fi żmien xagħrejn minn notifika tal-miżura lill-persuna kkonċernata, jew, fl-assenza tagħha, fil-jum li saret taf bih ta' l-aħħar, skond il-każ.

▼B

Artikolu 38

Reviżjoni Interlokutorja

1. Jekk id-Direttur Eżekuttiv jikkunsidra li l-appell huwa ammissibbli u fundat tajjeb, huwa/hija għandhom jirrettifikaw id-deċiżjoni. Dan m'għandux japplika meta l-appellant huwa oppost għal parti oħra għall-proċeduri ta' l-appell.

2. Jekk id-deċiżjoni ma tiġix rettifikata fi żmien xahar wara l-irċevuta tad-dikjarazzjoni ta' bażijiet għall-appell, l-Aġenzija għandha tiddeċiedi minnufih jekk tissospendix jew le l-applikazzjoni tad-deċiżjoni skond it-tieni sentenza ta' l-Artikolu 35(2), u għandha tirrimetti l-appell lill-Bord ta' l-Appell.

Artikolu 39

Eżami ta' appelli

1. Jekk l-appell huwa ammissibbli, il-Bord ta' l-Appell għandu jeżamina jekk l-appell huwiex fundat sewwa.

2. Meta jeżamina l-appell, il-Bord ta' l-Appell għandu jaġixxi malajr. Għandu jistieden kif neċessarju lill-partijiet għall-proċeduri ta' l-appell biex jissottomettu l-osservazzjonijiet dwar notifiki maħruġa minnu stess jew fuq komunikazzjonijiet mill-partijiet l-oħra għall-proċeduri ta' l-appell, fi żmien speċifikat. Il-partijiet għall-proċeduri ta' l-appell għandhom ikunu intitolati jagħmlu preżentazzjonijiet orali.

Artikolu 40

Deċiżjonijiet ta' l-appell

Il-Bord ta' l-Appell jista' jeżerċita kull poter li jaqa' fil-kompetenza ta' l-Aġenzija, jew jista' jerġa' jirrimetti l-każ lill-korp kompetenti ta' l-Aġenzija. Ta' l-aħħar għandu jkun marbut bid-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell.

Artikolu 41

Azzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

1. Appell jista' jinġieb quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra deċiżjonijiet tal-Bordijiet ta' l-Appell skond it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti fl- Artikolu 230 tat-Trattat.

2. Jekk l-Aġenzija ma tieħux deċiżjoni, proċeduri għal dan innuqqas ta' azzjoni jistgħu jinġiebu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skond it-termini u l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 232 tat-Trattat.

3. L-Aġenzija għandha tkun meħtieġa tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Artikolu 42

Appell dirett

Stati Membri u istituzzjonijiet Komunitarji jistgħu jalloġġaw appell dirett quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija.

▼B

SEZZJONI III

METODI TA' ĦIDMA

Artikolu 43

Proċeduri għall-iżvilupp ta' opinjonijiet, speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u materjal ta' gwida

1. Malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Bord ta' Tmexxija għandu jistabbilixxi proċeduri trasparenti biex joħorġu opinjonijiet, speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u materjal ta' gwida msemmi fl-Artikolu 13 (a) u (b).

Dawk il-proċeduri għandhom:

(a) jiġbdu fuq l-esperjenza disponibbli fl-awtoritajiet regolatorji ta' l-avjazzjoni ta' l-Istati Membri;

(b) kull meta neċessarju, jinvolvu esperti appropjati minn partijiet rilevanti interessati;

(ċ) jiżguraw l-Aġenzija tippubblika dokumenti u tikkonsulta partijiet interessati, skond skeda u proċedura li tinkludi obbligu fuq l-Aġenzija sabiex tagħmel tweġiba bil-miktub għall-proċess ta' konsultazzjoni.

2. Meta l-Aġenzija, skond Artikolu 14, tiżviluppa opinjonijiet, speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u materjal gwida li għandu jiġi applikat mill-Istati Membri, għandha tistabbilixxi proċedura sabiex tikkonsulta lill-Istati Membri. Għal dan l-iskop, tista' toħloq grupp ta' xogħol li fih kull Stat Membru huwa intitolat jaħtar espert.

3. Miżuri msemmija fl-Artikolu 13 (a) u (b) u l-proċeduri stabbiliti skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġi ppubblikati f' pubblikazzjoni uffiċjali ta' l-Aġenzija.

4. Proċeduri speċjali għandhom jiġu stabbiliti sabiex jindirizzaw azzjoni immedjata li għandha tittieħed mill-Aġenzija sabiex tirreaġixxi għal problema ta' sigurtà u tinforma lill-partjiet interessati rilevanti bl-azzjoni li għandhom jieħdu.

Artikolu 44

Proċeduri għat-teħid tad-deċiżjonijiet

1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jistabbilixxi proċeduri trasparenti sabiex jittieħdu deċiżjonijiet individwali hekk kif provdut fl-Artikolu 13 (ċ).

Dawk il-proċeduri għandhom:

(a) jassiguraw is-smiegħ tal-persuna fiżika jew ġuridika li għandha tiġi indirizzata fid-deċiżjoni u ta' kull parti oħra b'interess dirett u individwali;

(b) jipprovdu għal notifika ta' deċiżjoni lil persuna fiżika jew ġuridika u l-pubblikazzjoni tagħha;

(ċ) jipprovdu għal informazzjoni lill-persuna fiżika jew ġuridika li lilha d-deċiżjoni hija indirizzata, u kull parti oħra għall-proċeduri, tar-rimedji legali disponibbli għal dik il-persuna taħt dan ir-Regolament;

(d) jassiguraw illi d-deċiżjoni tikkontjeni raġunijiet.

2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jistabbilixxi ukoll proċeduri li jispeċifikaw il-kondizzjonijiet li taħthom id-deċiżjonijiet huma notifikati filwaqt li jieħu kont dovut tal-proċedura ta' l-appell.

▼B

3. Proċeduri speċjali għandhom jiġu stabbiliti sabiex jindirizzaw azzjoni immedjata li għandha titieħed mill-Aġenzija sabiex tirreaġixxi għal problema ta' sigurtà u tinforma lill-partijiet interessati rilevanti bl-azzjoni li għandhom jieħdu.

Artikolu 45

Ispezzjonijiet ta' Stati Membri

1. Mingħajr preġudizzju għall-poteri ta' applikazzjoni konferiti mit-Trattat lill-Kummissjoni, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, billi tikkonduċi spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kif speċifikat fl-Artikolu 16(1). L-Uffiċjali awtorizzati taħt dan ir-Regolament, u l-awtoritajiet nazzjonali, għandhom il-poter, illi in konformità mad-disposizzjonijiet ġuridiċi ta' l-Istat Membru kkonċernat:

(a) jeżaminaw ir-reġistri, d-*data*, l-proċeduri u kwalunkwe materjal rilevanti ieħor biex jintlaħħqu l-livelli ta' sigurtà fl-avjazzjoni skond dan ir-Regolament;

(b) jieħdu kopji jew biċċiet minn dawn ir-reġistri, *data*, proċeduri u materjal ieħor;

(ċ) jitolbu għal spjegazzjoni orali fuq il-post;

(d) jidħlu fi kwalunkwe post, art jew mezz ta' transport rilevanti.

2. L-uffiċjali ta' l-Aġenzija awtorizzati għall-iskop ta' dawn l-ispezzjonijiet għandhom jeżerċitaw il-poteri tagħhom wara li jipproduċu awtorizazzjoni bil-miktub li tispeċifika s-suġġett, l-iskop ta' l-ispezzjoni u d-data li fiha għandha tibda. Sewwa qabel l-ispezzjoni, l-Aġenzija għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat bl-ispezzjoni u bl-identità ta' l-uffiċjali awtorizzati.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jissotometti għal dawn l-ispezzjonijiet u għandu jassigura illi korpi jew persuni kkonċernati wkoll jissottomettu għal ispezzjonijiet.

4. Meta spezzjoni skond it-termini ta' dan l-Artikolu tinvolvi spezzjoni ta' impriża jew assoċazzjoni ta' impriża d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 46 għandhom japplikaw. Meta intrapriża topponi din l-ispezzjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħti l-assistenza neċessarja lil uffiċjali awtorizzati mill-Aġenzija sabiex jagħmlu l-ispezzjoni tagħhom.

5. Rapporti mfassla f'applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu disponibbli fil-lingwa(i) uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn saret l-ispezzjoni.

Artikolu 46

Investigazzjoni ta' impriżi

1. Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 15, l-Aġenzija tista' tikkonduċi jew talloka lill-awtoritajiet nazzjonli ta' l-avjazzjoni jew entitajiet kwalifikati l-investigazzjonijiet kollha neċessarrji ta' l-intrapriżi. L-investigazzjonijiet għandhom jitwettqu in konformità mad-disposizzjonijiet ġuridiċi ta' l-Istati Membri li fihom għandhom jitwettqu. Għal dak l-iskop, il-persuni awtorizzati taħt dan ir-regolament huma awtorizzati illi:

(a) jeżaminaw ir-reġistri, id-data, il-proċeduri u kwalunkwe materjal rilevanti ieħor għall-eżekuzzjoni tal-kompiti ta' l-Aġenzija;

▼B

(b) jieħdu kopji ta' jew biċċiet minn dawn ir-reġistri, data, proċeduri u materjal ieħor;

(ċ) jitolbu għal spjegazzjoni orali fuq il-post;

(d) jidħlu f'postijiet, art jew mezzi rilevanti ta' transport ta' intrapriżi.

2. Il-persuni awtorizzati għall-iskop ta' dawn l-investigazzjonijiet għandhom jeżerċitaw il-poteri tagħhom meta jipproduċu awtorizzazzjoni bil-miktub li tispeċifika s-suġġett u l-iskop ta' l-investigazzjoni.

3. Sewwa qabel l-investigazzjoni, l-Aġenzija għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat li fit-territorju tiegħu għandha ssir l-investigazzjoni, bl-investigazzjoni u l-identità tal-persuni awtorizzati. Uffiċjali ta' l-Istat Membru kkonċernat għandhom, fuq talba ta' l-Aġenzija, jassistu lill-persuni awtorizzati fit-twettieq ta' dmirijiethom.

Artikolu 47

Transparenza u komunikazzjoni

▼M2

1. Ir-Regolament (KE) Num. 10492001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward aċċess għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([1]) għandu japplika għad-dokumenti fil-pussess ta' l-Aġenzija.

▼B

2. L-Aġenzija tista' tikkomunika fuq inizjattiva proprja fl-oqsma fil-missjoni tagħha. Għandha tiżgura b'mod partikolari illi, b'żieda għall-pubblikazjoni speċifikata fl-Artikolu 43(3), il-pubbliku u kull parti interessata jingħataw b'mod rapidu informazzjoni objettiva, dipendibbli u li tinftiehem malajr fir-rigward tax-xogħol tagħha.

▼M2

3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-arranġamenti dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Num.10492001 fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Num. 16432003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li jemenda r-Regolament (KE) Num. 15922002 tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurta' fl-Avjazzjoni ([2]).

▼B

4. Kull persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun intitolata illi tindirizza hija stess bil-miktub lill-Aġenzija fi kwalunkwe waħda mil-lingwi msemmija fl-Artikolu 314 tat-Trattat. Għandu jkollha d-dritt li tirċevi risposta fl-istess lingwa.

▼M2

5. Deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu mill-Aġenzija konformi ma' l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Num. 10492001 jistgħu jkunu l-kawża ta' lmenti li jintbagħtu lill-Ombudsman jew li tinħoloq azzjoni quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja, taħt l-Artikli 195 u 230 tat-Trattat tal-KE rispettivament.

([1]) ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 43.
([2]) ĠU L 245, tad-29.9.2003, p. 7.

▼B

SEZZJONI IV

ĦTIĠIET FINANZJARJI

Artikolu 48

Budget

1. Id-dħul ta' l-Aġenzija għandu jikkonsisti minn:

(a) kontribuzzjoni mill-Komunità u minn kwalunkwe pajjiż terz Ewropew li miegħu l-Komunità kkonkludiet ftehim imsemmi fl- Artikolu 55;

(b) il-piżijiet imħallsa mill-applikanti għal, u titolari ta', ċertifikati u approvazzjonijiet maħruġa mill-Aġenzija; u

(ċ) piżijiet għal pubblikazzjonijiet, taħriġ u kwalunkwe servizz ieħor ipprovdut mill-Aġenzija.

2. In-nefqa ta' l-Aġenzija għandha tinkludi l-ispejjeż ta' l-impjegati, dawk amministrattivi, infrastrutturali, u operazzjonali.

▼M2

3. Id-Dħul u l-Ħruġ tal-finanzi għandhom jibbilanċjaw.

4. Kull sena l-Bord tat-Tmexxija, skond il-bażi ta' abbozz ta' rendikont li juri estimi tad-dħul u l-ħruġ tal-finanzi, għandu jipproduċi rendikont li juri l-*Budget* tad-dħul u l-ħruġ tal-finanzi ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja ta' wara.

5. Dan ir-rendikont ta' l-estimi, li għandu jinkludi abbozz ta' pjan tat-twaqqif flimkien mal-programm proviżorju tax-xogħlijiet, għandu jintbagħat mill-Bord tat-Tmexxija sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu lill-Kummissjoni u lill-Istati li magħhom il-Komunità tkun ikkonkludiet ftehim skond l-Artikolu 55.

6. Ir-rendikont ta' l-estimi għandhom jintbagħtu mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill (minn hawn "il-quddiem riferut bħala l-awtorità tal-*Budget*) flimkien ma"; l-abbozz preliminari tal-*Budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

7. Konformi mar-rendikont ta' l-estimi, il-Kummissjoni, għandha ddaħħal fl-abbozz preliminari tal-*Budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea l-*Budget* li jidhrilha neċessarji għall-pjan tat-twaqqif u l-ammont tas-sussidju li jrid jidħol fil-*Budget* ġenerali, li hija tkun ser tressaq quddiem l-awtorità tal-*Budget* skond l-Artikolu 272 tat-Trattat.

8. L-awtorità tal-*Budget* għandha tawtorizza s-somom ta' flus allokati għas-sussidju lill-Aġenzija.

9. Il-*Budget*għandu jiġi addottat mill-Bord tat-Tmexxija. Għandha titqies bħala finali wara l-approvazzjoni finali tal-*Budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. Isiru l-aġġustamenti fejn ikun meħtieġ.

10. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, malajr kemm jista' jkun, javża lill-awtorità tal-*Budget* bl-intenzjoni tiegħu li jimplimenta xi proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet sinifikattivi għall-iffinanzjar tal-*Budget*, b'mod partikulari kull proġett li jirrigwarda propjeta' bħall-kiri jew xiri ta' bini. Għandu javża lill-Kummissjoni b'dan.

Fejn xi fergħa ta' l-awtorità tal-*Budget* tkun uriet l-intenzjoni tagħha li tixtieq tesprimi opinjoni, din għandha tibgħat l-opinjoni tagħha lill-Bord tat-Tmexxija fi żmien sitt ġimgħat mid-data ta' l-avviż tal-proġett.

▼M2

L'Artikolu 49

Implimentazzjoni ta' u kontroll fuq il-*Budget*

1. Id-Direttur Esekuttiv għandu jimxi fuq il-*Budget* ta' l-Aġenzija.

2. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal inkarigat miż-żamma tal-kotba ta' l-Aġenzija għandu jikkomunika l-kontijiet proviżorji lill-uffiċjal korrispondenti tal-Kummissjoni flimkien ma' rapport dwar il-kontroll tal-*Budget* u tal-finanzi għal dik is-sena finanzjarja. L-uffiċjal inkarigat miż-żamma tal-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jikkonsolida l-kontijiet proviżorji ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi iddeċentralizzati skond l-Artikolu 128 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

3. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu wara kull sena finanzjarja, l-uffiċjal inkarigat mill-kontijiet tal-Kummissjoni għandu jibgħat il-kontijiet proviżorji ta' l-Aġenzija lill-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien ma' rapport dwar il-kontroll tal-*Budget* u tal-finanzi għal dik is-sena finanzjarja. Ir-rapport dwar il-kontroll tal-*Budget* u tal-finanzi għas-sena finanzjarja għandu wkoll jiġi mibgħut lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

4. Mal-wasla mill-Qorti ta' l-Awdituri ta' l-osservazzjonijiet dwar il-kontijiet proviżorji ta' l-Aġenzija, taħt l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju ġenerali, id-Direttur Esekuttiv għandu jikkompila l-kontijiet finali ta' l-Aġenzija taħt ir-responsabbilta' tiegħu u jibgħathom lill-Bord tat-Tmexxija għal opinjoni.

5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħti opinjoni dwar il-kontijiet finali ta' l-Aġenzija.

6. Id-Direttur Esekuttiv għandu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju wara kull sena finanzjarja, jibgħat il-kontijiet finali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien ma' l-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija.

7. Għandhom jiġu ippubblikati l-kontijiet finali.

8. Id-Direttur Esekuttiv għandu jibgħat risposta lill-Qorti ta' l-Awdituri għall-osservazzjonijiet tagħha sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru. Huwa għandu jibgħat ir-risposta tieghu lill-Bord tat-Tmexxija wkoll.

9. Id-Direttur Esekuttiv għandu jibgħat lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan ta' l-aħħar, kull tagħrif neċessarju sabiex tkun tista' tiġi attwata mingħajr problemi l-proċedura tal-ħlas għas-sena finanzjarja partikulari, hekk kif preskritt fl-Artikolu 146(3) tar-Regolament Finanzjarju ġenerali.

10. Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li jkun mexa fuq maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel it-30 ta' April tas-sena N + 2, jagħti permess lid-Direttur Esekuttiv fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-*Budget* għas-sena N.

▼B

Artikolu 50

Ġlieda kontra l-frodi

1. Fil-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra d-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 10731999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi (OLAF) ([1]) għandhom japplikaw mingħar restrizzjoni.

([1]) ĠU L 136, tal-31.5.1999, p. 1.

▼B

2. L-Aġenzija għandha taċċetta l-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi (OLAF) [1] u għandha toħroġ, mingħajr telf ta' żmien, id-disposizzjonijiet approprjati applikabbli għall-impjegati kollha ta' l-Aġenzija.

3. Id-Deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-għoti ta' fondi u l-ftehim ta' implimentazzjoni u l-istrumenti li irriżultaw minnhom għandhom jistipulaw espliċatament illi l-Qorti ta' l-Awdituri u l- OLAF jistgħu jekk neċessarju jwettqu kontrolli fuq il-post fost ir-reċipjenti ta' l-iffinanzjar ta' l-Aġenzija u l-aġenti responsabbli għall-allokazzjoni tagħhom.

Artikolu 51

Il-Valutazzjoni

1. Fi żmien tliet snin mid-data meta l-Aġenzija ħadet ir-responsabbiltajiet tagħha, u kull ħames snin wara, il-Bord ta' Tmexxija għandu jikkummissjona valutazzjoni esterna indipendenti dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Il-valutazzjoni għandha teżamina kemm l-Aġenzija tissodisfa l-missjoni tagħha b'mod effettiv. Għandha tistma wkoll l-impatt ta' dan ir-Regolament, l-Aġenzija u l-prattiċi ta' ħidma tagħha sabiex fl-istabbiliment ta' livell għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili. Il-valutazzjoni għandha tieħu kont ta' l-opinjonijiet ta' dawk kollha konċernati, fuq livell kemm Ewropew kif ukoll nazzjonali.

3. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jirċievi r-riżultati tal-valutazzjoni u joħroġ rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-bidliet għal dan ir-Regolament, l-Aġenzija u l-prattiċi ta' ħidma tagħha lill-Kummissjoni,li tista' tgħaddihom, flimkien ma' l-opinjoni tagħha kif ukoll proposti approprjati, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Pjan ta' azzjoni bi skeda għandhom jiġu nklużi, jekk approprjat. Kemm is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-valutazzjoni għandhom ikunu pubbliċi.

▼M2

Artikolu 52

Dispożizzjonijiet finanzjarji

Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija għandhom jiġu addottati mill-Bord tat-Tmexxija wara li tkun ġiet ikkonsultata l-Kummissjoni. Ma jistgħux jitbiegħdu mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Num. 23432002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar il-qafas tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*Budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [2] sakemm dan it-tbegħid ma jkunx hemm il-ħtieġa speċifika għalih minħabba l-operat ta' l-Aġenzija u l-Kummissjoni tkun tat il-kunsens tagħha minn qabel.

▼B

Artikolu 53

Regolament dwar ħlasijiet u piżijiet

1. Il-Kummissjoni, waqt li taġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 54(3) u wara li tikkonsulta l-Bord ta' Tmexxija, għandha tadotta regolament dwar ħlasijiet u piżijiet.

[1] ĠU L 136, tal-31.5.1999, p. 15.
[2] ĠU L 357 31.12.2002, s. 72; corrigendum f' ĠU L 2, tas-7.1.2003, p. 39.

▼B

2. Ir-Regolament dwar il-ħlasijiet u l-piżijiet għandu jiddetermina b'mod partikolari l-materji li għalihom ħlasijiet u piżijiet skond l-Artikolu 48(1) huma dovuti, l-ammont ta' ħlasijiet u piżijiet u l-mod kif għandhom jitħallsu.

3. Ħlasijiet u piżijiet għandhom jiġu mposti għal:

(a) il-ħruġ u tiġdid ta' ċertifikati, kif ukoll il-funzjonijiet irrelatati kontinwi ta' sbalji u ommissjonijiet;

(b) disposizzjoni ta' servizzi; għandhom jirriflettu l-ispiża attwali ta' kull dispsoizzjoni individwali;

(ċ) l-ipproċessar ta' appelli.

Il-ħlasijiet u l-piżijiet kollha għandhom jiġu espressi, u jitħallsu, f'ewro.

4. L-ammont ta' ħlasijiet u piżijiet għandu jiġi ffisat f'livell sabiex jiġi assigurat li d-dħul fir-rigward tagħhom huwa fil-prinċipju suffiċjenti biex ikopri l-ispiża kollha tas-servizzi mogħtija.

Il-Kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 48(1), tista' tkopri, għal perjodu transitorju li jispicca fil-31 ta' Diċembru tar-raba' sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-ispiża li tirrelata għall-fażi inizjali ta' operazzjoni ta' l-Aġenzija. Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 54(3), dan il-perjodu jista' jiġi estiż jekk neċessarju, għal mhux iktar minn sena.

KAPITOLU IV

DISPOSIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 54

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat.

2. Meta ssir riferenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw b'qies għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Meta ssir riferenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw fir-rigward tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deciżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.

4. Meta ssir riferenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu japplika.

Qabel ma tadotta d-Deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-kumitat imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Il-perjodu previst fl-Artikolu 6(b) tad-Deċiżjoni 1999/468/ KE għandu jkun ta' tliet xhur.

Meta deċiżjoni tal-Kummissjoni hija riferita lill-Kunsill minn Stat Membru, il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq maġġoranza kkwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti f'perjodu ta' tliet xhur

5. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu

▼B

Artikolu 55

Il-Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi Ewropej

L-Aġenzija għandha tkun miftħa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi Ewropej li huma Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' *Chicago* u li daħlu fi ftehim mal-Komunità Ewropea fejn adottaw u qegħdin japplikaw il-liġi Komunitarja fil-kamp kopert minn dan ir-Regolament u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu.

Skond id-disposizzjonijiet rilevanti ta' dan il-ftehim, jiġu żviluppati arranġamenti li għandhom, *inter alia*, jispeċifikaw in-natura u l-estent ta', u r-regoli dettaljati, għall-parteċipazzjoni minn dawn il-pajjiżi fix-xogħol ta' l-Aġenzija, inklużi disposizzjonijiet dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji u impjegati

Artikolu 56

Il-Bidu ta' l-operazzjoni ta' l-Aġenzija

1. L-Aġenzija għandha tidħol għall-kompiti ta' ċertifikazzjoni li hi responsabbli għalihom skond l-Artikolu 15 sa mit-28 ta' Settembru 2003. Sa dak in-nhar, l-Istati Membri għandhom jibqgħu jimplimentaw leġislazzjoni u regolamenti applikabbli.

2. Matul perjodu addizzjonali ta' transizzjoni ta' 42 xahar mid-data msemmija fil-paragrafu 1, Stati Membri jistgħu jibqgħu joħorġu ċertifikati u approvazzjonijiet b'deroga mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 5, 6, 9 u 15 taħt il-kondizzjonijiet speċifikati mill-Kummissjoni fir-regoli ta' implimentazzjoni adottati għall-applikazzjoni tagħhom. Meta f'dak il-kuntest Stati Membri joħorġu ċertifikati abbażi ta' ċertifikati maħruġa minn pajjiżi terzi, ir-regoli ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għandhom jagħtu konsiderazzjoni dovuta lill-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 9(2)(b) u (ċ).

3. B'deroga mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 43, fl-istennija ta' l-adozzjoni tal-ħtiġiet essenzjali skond l-Artikolu 7, l-eżekuzzjoni tal-kompiti korrispendenti mill-Aġenzija tista' tkun soġġetta għal proċeduri ta' xogħol miftiehma mill-awtoritajiet konġunti ta' l-avjazzjoni.

Artikolu 57

It-Tħassir

1. Id-Direttiva 80/51 KEE u l-Anness II mar-Regolament (KEE) Nru 3922/91 għandhom jitħassru sa mit-28 ta' Settembru 2003.

2. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 għandhom japplikaw għal prodotti, partijiet u apparat, organizzazzjonijiet u persuni li ġew ċertifikati skond id-disposizzjonijiet imsemmijs fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 58

Id-Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikoli 5 u 6 għandhom japplikaw mid-dati speċifikati fir-regoli ta' implimentazzjoni.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Ħtiġiet essenzjali għall-*Airworthiness* imsemmija fl-Artikolu 5

1. Integrità tal-prodott: l-integrità tal-prodott għandha tiġi assigurata għall-kondizzjonijiet kollha ta' titjir antiċipati għall-ħajja operazzjonali ta' l-inġenju ta' l-ajru. Il-Konformità mal-ħtiġiet kollha għandha tintwera permezz ta' stima jew analiżi, appoġġati, meta neċessarju, minn testijiet.

1.a. Strutturi u materjali: l-integrità ta' l-istruttura għandha tiġi assigurata f'kull waqt, u biżżejjed lil hinn miż-żona operazzjonali għall-inġenju ta' l-ajru, inkluża s-sistema ta' proplusjoni tiegħ, u tinżamm għall-ħajja operazzjonali ta' l-inġenju ta' l-ajru.

1.a.1. Il-partijiet kollha ta' l-inġenju ta' l-ajru, li n-nuqqas tagħhom jista' jnaqqas l-integrità strutturali, għandhom jikkonformaw mal-kondizzjonijiet li ġejjin mingħajr deformazzjoni detrimentali jew nuqqas. Dan jinkludi l-biċċiet kollha ta' massa sinifikanti u l-mezzi tagħhom ta' żamma.

1.a.1.a. Il-kombinazzjonaijiet kollha ta' tagħbija li huma raġjonevolment mistennija li jseħħu fil-, u biżżejjed lil mill-piżijiet, iċ-ċentru tal-firxa tal-gravità, iż-żona operazzjonali u l-ħajja ta' l-inġenju ta' l-ajru għandhom jiġu kkunsidrati. Dan jinkludi tagħbijiet dovuti għal gusts, manuvri, pressurizzazzjoni, superfiċi mobbli, sistemi ta' kontroll u propulsjoni kemm fl-ajru kif ukoll fuq l-art.

1.a.1.b. Għandha tingħata konsiderazzjoni lil tagħbijiet u nuqqasijiet probabbli b' riżultat ta' nżul ta' emerġenza kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar.

1.a.1.ċ. Effetti dinamiċi għandhom jiġu koperti fir-rispons strutturali ta' dawn it-tagħbijiet.

1.a.2. L-inġenju ta' l-ajru għandu jkun liberu minn kwalunkwe instabilità aerolastika u vibrazzjoni eċċessiva.

1.a.3. Il-proċessi ta' fabbrikazzjoni u l-materjali użati fil-kostruzzjoni ta' l-inġenju ta' l-ajru għandhom jirriżultaw fi proprjetajiet strutturali magħrufa u riprodiuċibbli. Kwalunkwe tibdil fl-imġieba materjali relatata ma' l-ambjent operazzjonali għandu jittieħed kont tiegħu.

1.a.4. L-effetti tat-tagħbija ċiklika, id-degradazzjoni ambjentali, ħsara aċċidentali u ta' fonti diskreta m'għandhomx inaqqsu l-integrità strutturali taħt livell aċċettabbli ta' saħħa residwa. L-istruzzjonijiet kollha neċessarji għall-assigurazzjoni ta' *Airworthiness* kontinwa f' dan ir-rigward għandhom jiġu promulgati.

1.b. Propulsjoni: l-integrità tas-sistema ta' propulsjoni (jiġifieri l-inġenju u, meta approprjat, l-iskrun) għandhom jidhru f'kull ħin, u biżżejjed lil hinn, miż-żona operazzjonali tas-sistema ta' propulsjoni u għandhom jinżammu għall-ħajja operazzjonali tas-sistema ta' propulsjoni.

1.b.1. Is-sistema ta' propulsjoni għandha tipproduċi, fil-limiti dikjarati tagħha, il-qawwa jew is-saħħa mitluba minnha fil-kondizzjonijiet kollha meħtieġa tat-titjira, b'kont meħud ta' l-effetti u l-kondizzjonijiet ambjentali.

1.b.2. Il-proċess ta' fabbrikazzjoni u l-materjali wżati fil-kostruzzjoni tas-sistema ta' propulsjoni għandhom jirriżultaw f'imġieba strutturali magħrufa u riproduċibbli. Kwalunkwe tibdil fl-imġieba materjali relatata ma' l-ambjent operazzjonali għandu jittieħed kont tiegħu.

1.b.3. L-effetti tat-tagħbija ċiklika, id-degradazzjoni ambjentali u operazzjonali u nuqqasijiet sussegwenti probabbli fil-partijiet m'għandhomx inaqqsu l-integrità tas-sistema ta' propulsjoni taħt livelli aċċettabbli. L-istruzzjonijiet kollha neċessarji għall-assigurazzjoni ta' *Airworthiness* kontinwa f' dan ir-rigward għandhom jiġu promulgati.

1.b.4. L-istruzzjonijiet, l-informazzjoni u l-ħtiġiet kollha neċessarji għall-*interface* sigura u korretta bejn is-sistema ta' propulsjoni u l-inġenju ta' l-ajru għandhom jiġu promulgati.

▼B

1.ċ. Sistemi u tagħmir

1.ċ.1. L-inġenju ta' l-ajru m'għandux ikollu fatturi ta' disinn jew dettalji li l-esperjenza wriet li huma perikoluż.

1.ċ.2. L-inġenju ta' l-ajru, inklużi dawk is-sistemi, tagħmir u apparat meħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni tat-tip, jekk mir-regoli ta' operazzjoni, għandhom jiffunzjonaw kif intiż taħt kwalunkwe kondizzjoni operabbli prevista, dejjem, u biżżejjed lil hinn, mill-operazzjonali ta' l-inġenju ta' l-ajru, b' kont dovut meħud tas-sistema, t-tagħmir jew l-ambjent operazzjonali ta' l-apparat. Sistemi oħra, tagħmir u apparat mhux meħtieġ għaċ-ċertifkazzjoni tat-tip, jew mir-regoli operazzjonali, kemm jekk jiffunzjonaw tajjeb kif ukoll jekk le, m'għandhomx inaqqsu s-sigurtà u m'għandhomx jeffettwaw ħażin il-funzjonament tajjeb ta' kwalunkwe sistema, tagħmir jew apparat ieħor. Sistemi, tagħmir u apparat għandhom ikunu operabbli mingħajr ma jeħtieġu kapaċità jew saħħa eċċezzjonali.

1.ċ.3. Is-Sistemi, it-tagħmir u apparat assoċjat ta' inġenji ta' l-ajru, ikkunsidrati separatament u in relazzjoni ma' xulxin, għandhom jiġi ddisinjat b'tali mod li kwalunkwe kondizzjoni ta' nuqqas katastrofika ma tirriżultax min nuqqas wieħed li ma jidhirx li huwa estremament improbabbli u relazzjoni inversa għandha teżisti bejn il-probabilità ta' kondizzjoni ta' xi nuqqqas u s-severità ta' l-effett tagħha fuq l-inġenju ta' l-ajru u l-okkupanti tiegħu. Fir-rigward ta' kriterju wieħed ta' nuqqas fuq, huwa aċċettat illi għandu jkun hemm riserva dovuta għad-daqs u l-konfigurazzjoni wiesgħa ta' l-inġenju ta' l-ajru u li dan jista' jipprevjeni lil dan il-kriterju singolu ta' nuqqas milli jiġu sodisfatti għal xi partijiet u xi sistemi fuq elikotteri u ajruplani żgħar.

1.ċ.4. Informazzjoni meħtieġa għall-kondotta sigura tat-titjira u informazzjoni li tikkonċerna kondizzjonijiet mhux siguri għandha tiġi pprovduta lill-ekwipaġġ, jew lill-impjegati ta' manutenzjoni, kif appropjat, b'mod ċar, konsistenti u mhux ambigwu. Sistemi, tagħmir u kontrolli, li jinkludu sinjali u sejħiet għandhom jiġu ddisinjati u allokati sabiex jitnaqqsu żbalji li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' perikoli.

1.ċ.5. Prekawzjonijiet tad-disinn għandhom jittieħdu sabiex jitnaqqsu l-perikoli lill-inġenji ta' l-ajru u lill-okkupanti minn theddid raġjonevolment probabbli, kemm ġewwa kif ukoll barra l-inġenju ta' l-ajru, inkluża l-protezzjoni kontra l-possibbiltà ta' nuqqas sinifikanti fi, jew telf ta', kwalunkwe inġenju ta' l-ajru.

1.d. Airworthiness kontinwa

1.d.1. Struzzjonijiet għal *Airworthiness* kontinwa għandhom jiġu stabbiliti sabiex jiżguraw illi l-*istandard* ta' l-*Airworthiness* taċ-ċertifkazzjoni tat-tip ta' l-inġenju ta' l-ajru jinżamm matul il-ħajja operazzjonali ta' l-inġenju ta' l-ajru

1.d.2. Għandhom jiġu pprovduti mezzi sabiex jippermettu l-ispezzjoni, l-aġġustament, il-lubrikazzjoni, it-tneħħija jew is-sostituzzjoni ta' partijiet u apparat kif neċessarju għal *Airworthiness* kontinwa.

1.d.3. L-Istruzzjonijiet għal *Airworthiness* kontinwa għandhom ikunu fil-forma ta' librett, jew libretti, kif approprjat għall-kwantità ta' *data* li għandha tiġi pprovduta. Il-libretti għandhom ikopru manutenzjoni u struzzjonijiet ta' tiswija, informazzjoni ta' manutenzjoni, *trouble-shooting* u proċeduri ta' spezzjoni, f'format li jipprovdi għal arranġament prattiku.

1.d.4. L-Istruzzjonijiet għal Airworthiness kontinwa għandhom jikkontjenu limitazzjonijiet ta' Airworthiness li jistabilixxu kull ħin mandatorju ta' sostituzzjoni, intervalli ta' spezzjonijiet u proċedura relatata ta' ispezzjoni.

2. Aspetti ta' Airworthiness ta' operazzjoni tal-prodott

2.a. Dan li ġej għandu jidher li ġie indirizzat sabiex jassigura livell soddisfaċenti ta' sigurtà għal dawk abbord jew fuq l-art tul l-operazzjoni tal-prodott:

▼B

2.a.1. It-tipi ta' operazzjoni li għalihom l-inġenju ta' l-ajru huwa approvat għandhom jiġu stabbiliti u limitazzjonijiet u l-informazzjoni neċessarja għall-operazzjoni sigura, inklużi limitazzjonijiet ambjentali u twettieq għandhom jiġu stabbiliti.

2.a.2. L-inġenju ta' l-ajru għandu jkun kontrollabbli b' mod sigur u manuvrabbli taħt il-kondizzjonijiet kollha antiċipati ta' operazzjoni inkluż wara n-nuqqas ta' sistema ta' propulsjoni waħda jew, jekk approprjat, iktar. Għandu jittieħed kont dovut tas-saħħa tal-pilota, ta' l-ambjent tat-titjira fil gverta, tax-xogħol tal-pilota u ta' konsiderazzjonijiet oħra ta' fattur uman u tal-fażi tat-titjira u t-tul tagħha.

2.a.3. Għandu jkun possibbli illi ssir transizzjoni mingħajr xkiel minn fażi ta' titjira waħda għal oħra mingħajr ma jkunu meħtieġa kapaċità eċċezzjonali tal-pilota, riflessi tajba, saħħa jew xogħol taħt kwalunkwe kondizzjoni probabbli ta' operazzjoni.

2.a.4. L-inġenju ta' l-ajru għandu jkollha dik l-istabilità sabiex tassigura li d-domanda fuq il-pilota mhijiex eċċessiva b' kont meħud tal-fażi u t-tul tat-titjira.

2.a.5. Proċeduri għal operazzjonijiet normali, nuqqas u kondizzjonijiet ta' emerġenza għandhom jiġu stabbiliti.

2.a.6. Avviżi, jew detterenti oħra intiżi sabiex ma jipprevjenu li tiġi eċċeduta l-normali tat-titjira, għandhom jiġu pprovduti, kif approprjat għat-tip.

2.a.7. Il-karatteristiċi ta' l-inġenju ta' l-ajru u s-sistemi tiegħu għandhom jippermettu ritorn sigur mill-estremi tat-titjira li jistgħu jiltaqgħu magħhom.

2.b. Il-limitazzjonijiet ta' operazzjoni u informazzjoni oħra neċessarja għal operazzjoni sigura għandhom ikunu magħmula disponibbli għall-membri ta' l-ekwipaġġ.

2.ċ. L-operazzjonijiet tal-prodotti għandhom jiġu protetti minn perikoli li jirriżultaw minn kondizzjonijiet avversi esterni u interni, inklużi kondizzjonijiet ambjentali.

2.ċ.1. B'mod partikolari, l-ebda kondizzjoni mhux sigura ma għandha tinħoloq mill-esposizzjoni għal fenomeni bħal, iżda mhux limitata għal, temp ikrah, sajjetti, għasafar, egħlieqi radjati minn frekwanza għolja, l-ożonju eċċ., raġjonevolmnet mistennija illi jseħħu tul-operazzjoni tal-prodott.

2.ċ.2. Kompartimenti tal-kabini għandhom jipprovdu lill-passiġġieri b'kondizzjonijiet ta' trasport addattati u protezzjoni adegwata kontra kull perikolu mistenni li jirriżulta f'operazzjonijiet ta' titjir jew li jirriżultaw f' sitwazzjonijiet ta' emerġenza, li jinkludu nar, duħħan, gassijiet tossiċi u perikoli ta' dekompressjoni rapida. Għandhom isiru disposizzjonijiet sabiex l-okkupanti jingħataw kull ċans raġjonevoli sabiex jiġi evitat dannu serju u jiġu evakwati malajr mill-inġenju ta' l-ajru u sabiex ikunu protetti mill-effett tal-forzi deċelaranti fil-każ ta' nżul ta' emerġenza fuq l-art jew il-baħar. Sinjali jew notifiki ċari u mhux ambigwi għandhom jiġu pprovduti, kif neċessarju, sabiex okkupanti jiġu istrutti f'imġjieba sigura approprjata u l-post u l-użu korett ta' tagħmir ta' sigurtà. Tagħmir meħtieġ ta' sigurtà għandu jintlaħaq malajr.

2.ċ.3. Il-Kompartimenti ta' l-ekwipaġġ għandhom jiġu rranġati sabiex jiġu ffaċilitati operazzjonijiet ta' titjir, inklużi mezzi li jipprovdu konxjosità tas-sitwazzjoni, u Tmexxija ta' kwalunkwe sitwazzjoni u emerġenza prevista. L-ambjent ta' kompartimenti ta' l-ekwipaġġ m'għandux jipperikola l-abilità ta' l-ekwipaġġ li jwettaq il-kompiti tiegħ u d-disinn tiegħu għandu jkun tali illi tiġi evitata interferenza matul l-operazzjoni u l-użu ħażin tal-kotrolli.

3. Organizzazzjonijiet (li jinkludu persuni fiżiċi li jidħlu għad-disinn, il-fabbrikazzjoni jew il-mauntenzjoni)

3.a. Approvazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet għandhom jinħarġu meta jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin

3.a.1. l-organizzazzjoni għandu jkollha l-mezzi kollha neċessarji għall-iskop tax-xogħol. Dawn il-mezzi jinkludu, iżda mhumiex limitati għal dan li ġej: faċilitajiet, impjegati, tagħmir, għodda u materjali,

▼B

dokumentazzjoni tal-kompiti, responsibbiltajiet u proċeduri, aċċess għal *data* rilevanti u ż-żamma ta' reġistri;

3.a.2. l-organizzazzjoni għandha timplimenta u żżomm sistema ta' Tmexxija sabiex tassigura konformità ma' dawn il-ħtiġiet essenzjali għal *Airworthiness*, u timmira għal titjib kontinwu ta' din is-sistema;

3.a.3. l-organizzazzjioni għandha tistabbilixxi arranġamenti ma' organizzazzjonijiet rilevanti oħra, kif neċessarju, sabiex tiġi assigurata konformità ma' dawn il-ħtiġiet essenzjali għal *Airworthiness*;

3.a.4. l-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi sistema li tirrapporta u/jew timmaniġġa inċident, li għandha tiġi użata mis-sistema ta' Tmexxija taħt il-punt 3.a.2 u l-arranġamenti taħt il-punt 3.a.3, sabiex tikkontribwixxi għall-iskop ta' titjib kontinwu tas-sigurtà ta' prodotti.

3.b. Fil-każ ta' organizzazzjonijiet ta' taħriġ ta' manutenzjoni, il-kondizzjonijiet taħt ount 3.a.3 u 3.a.4 ma japplikawx.

▼B

ANNESS II

L-Inġenji ta' l-ajru msemmija fl-Artikolu 4(2)

Inġenji ta' l-ajru li għalihom l-Artikolu 4(1) ma japplikax huma inġenji ta' l-ajru li għalihom ċertifikat tat-tip jew ċertifikat ta' *Airworthiness* ma nħariġx a bażi ta' dan ir-Regolament u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, u li jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(a) inġenji ta' l-ajru li jkollhom rilevanza storika ċara, relatata għal:

(i) parteċipazzjoni f'avvemeniment storiku importanti; jew

(ii) pass maġġuri fl-iżvilupp ta' l-avjazzjoni; jew

(iii) rwol maġġuri fil-forzi armati ta' Stat Membru;

u li jissodisfa kriterju wieħed jew iktar milli ġejjin:

(i) huwa stabbilit li d-disinn inizjali tiegħu għandu aktar minn 40 sena;

(ii) il-produzzjoni tiegħu waqfet minn ta' l-inqas 25 sena ilu;

(iii) inqas minn 50 inġenju ta' l-ajru ta' l-istess disinn bażiku għandhom irreġistrati fl-Istati Membri;

(b) inġenji ta' l-ajru speċifikament maħsuba jew modifikati għar-riċerka, skopijiet sperimentali jew xjentifiċi, u x' aktarx li jiġu prodotti f' numri limitati ħafna;

(ċ) inġenji ta' l-ajru li minnhom mill-inqas 51 % huwa mibni minn dilettant, jew assoċazzjoni mingħajr profit ta' dilettanti, għall-iskopijiet proprji u mingħajr ebda objettiv kummerċjali;

(d) inġenji ta' l-ajru li d-disinn oriġinali tagħhom kien intiż għal skopijiet militari biss;

(e) ajruplani li m'għandhom aktar minn żewġ sedili, il-veloċità ta' waqfien jew il-veloċità minima uniformi tat-titjira fil-konfigurazzjoni ta' l-inżul ma teċċeddix 35 knots f'veloċità kalibrata ta' l-ajru (CAS), u l-massa massimu ta' *take off* (MTOM) ta'mhux iktar minn:

(i) 300 kg għal ajruplan ta' l-art , sedil wieħed; jew

(ii) 450 kg għal ajruplan ta' l-art, żewġ sedili; jew

(iii) 330 kg għal ajruplan amfibju jew galleġġjanti ta' sedil wieħed; jew

(iv) 495 kg għal ajruplan amfibju jew galleġġjanti ta' żewġ sedili, sakemm, meta opera kemm bħala galleġġjanti kif ukoll bħala ajruplan ta' l-art, jaqa' taħt iż-żewġ limiti MTOM, kif approprjat;

(f) *"gliders"* b'massa strutturali ta' inqas minn 80 kg meta b'sedil wieħed jew 100 kg meta b' żewġ sedili, inklużi dawk li jittellgħu bis-sieq;

(g) inġenju ta' l-ajru mingħajr kontrolli b' massa operazzjonali ta' inqas minn 150 kg;

(h) kwalunkwe inġenju ta' l-ajru ieħor b' massa totali mingħajr pilota ta' inqas minn 70 kg.